

ANNESS I

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

EVRA 203 mikrogramma /24 siegħa + 33.9 mikrogramma /24 siegħa garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda

2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull 20 ċm² garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda fiha 6 mg norelgestromin (NGMN) u 600 mikrogramma ethinylestradiol (EE).

Kull garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda terħi medja ta' 203 mikrogramma ta' NGMN u 33.9 mikrogramma ta' EE kull 24 siegħa. L-esponiment tal-prodott mediċinali huwa kkaratterizzat b'mod iktar xieraq fil-profil farmakokinetiku (ara sezzjoni 5.2).

Għal-lista sħiħa ta' eċċipjenti, ara sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda.

Garża rqiq, tat-tip matriċi, li tikkonsisti fi tliet saffi u li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda.

Il-parti esterna tas-saff ta' rinforz hija kafellatte u stampata b'"EVRA" permezz tas-sħana.

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Kontraċezzjoni tan-nisa

EVRA hija intenzjonata għan-nisa ta' età fertili. Is-sigurtà u l-effikaċja tagħha ġew stabbiliti fin-nisa ta' bejn it-18 u l-45 sena.

Id-deċiżjoni li tingħata riċetta għal EVRA għandha tikkunsidra l-fatturi tar-riskji kurrenti tal-mara individwali, partikularment dawk għal tromboemboliżmu venuż (VTE), u kif ir-riskju ta' VTE b'EVRA jipparaguna ma' CHCs oħrajn (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.4).

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Pożoloġija

Biex jinkiseb l-effett massimu ta' kontraċezzjoni, il-pazjenti għandhom jingħataw parir li jużaw EVRA eżattament skont l-istruzzjonijiet. Għall-istruzzjonijiet tal-bidu ara 'Kif tibda EVRA' hawn taħt.

Garża waħda biss li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda għandha titwaħħal kull darba.

Kull garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda għandha titneħħa u tinbidel b'oħra ġdida immedjatament fl-istess ġurnata tal-ġimgħa (Ġurnata tal-Bdil) fit-8 u l-15-il Ġurnata taċ-ċiklu. Bdil tal-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda jista' jsir fi kwalunkwe ħin tal-Ġurnata tal-Bdil skedata. Ir-raba' ġimgħa hija l-ġimgħa mingħajr garża li tibda fit-22 Ġurnata.

Ċiklu ġdid ta' kontraċezzjoni jibda l-għada tal-ġimgħa mingħajr garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda; il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda EVRA li jkun imiss għandha tiġi applikata anke jekk ma kienx hemm fsada wara l-waqfien jew jekk il-fsada wara l-waqfien tkun għada ma waqfitx.

Għall-ebda ċirkustanza ma għandu jkun hemm intervall ta' aktar minn sebat ijiem mingħajr garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda bejn iċ-ċikli tal-ġhoti tad-doża. Jekk ikun hemm aktar minn sebat ijiem mingħajr garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda, il-persuna tista' ma tkunx protetta mit-tqala. Għalhekk għandu jintuża kontraċettiv mhux ormonali flimkien magħha għal sebat ijiem. Ir-riskju ta' ovulazzjoni jiżdied ma' kull ġurnata li tgħaddi mill-perjodu mingħajr kontraċezzjoni rrakkommandat. Jekk tkun saret kopulazzjoni f'tali perjodu ta' waqfa fit-tul mingħajr garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda, il-possibbiltà ta' tqala għandha tiġi kkunsidrata.

Popolazzjonijiet speċjali

Piż tal-ġisem ta' 90 kg jew aktar

L-effikaċja tal-kontraċettiv tista' tonqos f'nisa li jiżnu 90 kg jew aktar.

Indeboliment tal-kliwi

EVRA ma ġietx studjata f'nisa b'indeboliment tal-kliwi. M'hemm bżonn tal-ebda aġġustament fid-doża iżda minħabba li fil-litteratura medika ġie ssuġġerit li l-porzjon ta' ethinylestradiol li huwa liberu huwa oġhla, EVRA għandha tintuża b'sorveljanza f'din il-popolazzjoni.

Indeboliment tal-fwied

EVRA ma ġietx studjata f'nisa b'indeboliment tal-fwied. EVRA hija kontraindikata f'nisa b'indeboliment tal-fwied (ara sezzjoni 4.3).

Nisa wara l-menopawsa

EVRA mhijiex indikata għal nisa wara l-menopawsa u mhijiex maħsuba biex tintuża bħala terapija ta' sostituzzjoni tal-ormoni.

Popolazzjoni pedjatrika

Is-sigurtà u l-effikaċja ma ġewx determinati f'adolesxenti ta' taħt it-18-il sena. M'hemm l-ebda użu rilevanti ta' EVRA fit-tfal u fl-adolesxenti qabel ma jibda jkollhom il-menstrwazzjoni.

Metodu ta' kif għandu jingħata

EVRA għandha tiġi applikata fuq ġilda nadifa, xotta, mingħajr pil, u intatta fuq il-warrani, fuq iż-żaqq, fin-naħa ta' barra tal-parti ta' fuq tad-driegħ, jew fin-naħa ta' fuq tat-torso, f'post fejn ma tħokkx ma' ħwejjeġ issikkati. EVRA m'għandhiex titpoġġa fuq is-sider jew fuq ġilda li tkun ħamra, irritata jew maqsuma. Kull garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda għandha tiġi applikata fuq il-ġilda f'parti differenti minn ta' qabilha biex tevita l-possibbiltà ta' irritazzjoni, għalkemm tista' tinżamm fl-istess sit anatomiku.

Il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda għandha tingħafas sewwa l-isfel sakemm it-truf jeħlu sewwa.

Sabiex ma jkunx hemm interferenza mal-kolla tal-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda m'għandux ikun hemm irtokk, kremi, lozjonijiet, terer jew prodotti topikali oħra fuq il-ġilda fejn titpoġġa l-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda jew fejn tkun sejra tiġi applikata dalwaqt.

Huwa rrakkomandat li min ikun qed juża l-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda jiċċekkja viżwalment kuljum biex jiżgura li tkun imwaħħla tajjeb.

Il-garża EVRA li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda m'għandhiex tinqata', ssirilha ħsara, jew tiġi mibdula b'xi mod minħabba li dan jista' jikomprometti l-effett ta' kontraċezzjoni.

Gareż li jipprovdu mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda użati għandhom jintremew b'attenzjoni skont l-istruzzjonijiet mogħtija f'sezzjoni 6.6.

Kif tibda EVRA

Meta ma kien hemm l-ebda użu ta' kontraċettiv ormonali fiċ-ċiklu ta' qabel

Kontraċezzjoni b'EVRA tibda fl-ewwel ġurnata tal-mestru. Garża waħda li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda tiġi applikata u tintlibes għall-ġimgħa sħiħa (sebat ijiem). Il-ġurnata meta tiġi applikata l-ewwel garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda (l-Ewwel Ġurnata/ Ġurnata tal-Bidu) tiddetermina l-Ġranet ta' Bdil li jkun imiss. Il-Ġurnata tal-Bdil tal-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda tkun f' din il-ġurnata kull ġimgħa (it-8, il-15, it-22 Ġurnata u l-1 Ġurnata taċ-ċiklu li jmiss). Ir-raba' ġimgħa hija mingħajr garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda u tibda fit-22 Ġurnata.

Jekk it-trattament f'Ċiklu 1 jibda wara l-ewwel ġurnata taċ-ċiklu tal-menstrwazzjoni, flimkien miegħu għandu jintuża kontraċettiv mhux ormonali għall-ewwel sebat ijiem konsekuttivi tal-ewwel ċiklu ta' trattament biss.

Meta taqleb minn kontraċettiv orali kkombinat

Trattament b'EVRA għandu jibda fl-ewwel ġurnata tal-fsada wara l-waqfien mill-pilloli. Jekk ma jkunx hemm fsada wara l-ħames ġurnata li tkun ittiegħet l-aħħar pillola attiva (li fiha l-ormoni), għandha tiġi eskluża t-tqala qabel ma jinbeda t-trattament b'EVRA. Jekk it-terapija tibda wara l-ewwel ġurnata tal-fsada wara l-waqfien mill-pilloli, flimkien miegħu għandu jintuża kontraċettiv mhux ormonali għal sebat ijiem.

Jekk jgħaddu aktar minn sebat ijiem minn meta l-mara tkun ħadet l-aħħar pillola orali kontraċettiva attiva, jista' jkun li hija tkun ovulat u għaldaqstant għandha tingħata parir biex tara tabib qabel tibda trattament b'EVRA. Jekk tkun saret kopulazzjoni f'tali perjodu ta' waqfa fit-tul mingħajr pilloli, għandha tiġi kkunsidrata l-possibbiltà ta' tqala.

Meta taqleb minn metodu ta' proġestoġen waħdu

Mill-pillola li fiha biss proġestoġen, il-mara tista' taqleb f'liema ġurnata trid (minn impjant fil-jum li fih titneħħa, minn injezzjoni meta jkun imiss l-injezzjoni ta' wara), iżda matul l-ewwel sebat ijiem għandu jintuża metodu ta' kontraċezzjoni ta' sostenn.

Wara abort jew korriment

Wara abort jew korriment li jseħħ qabel l-20 ġimgħa tqala, EVRA tista' tinbeda immedjatement. M'hemmx bżonn ta' metodu addizzjonali ta' kontraċezzjoni jekk EVRA tinbeda mill-ewwel. Kun avżata li ovulazzjoni tista' sseħħ fi żmien għaxart ijiem minn abort jew korriment.

Wara abort jew korriment li jseħħ fl-20 ġimgħa tqala jew wara, EVRA tista' tinbeda jew fil-21 ġurnata wara l-abortion jew fl-ewwel ġurnata tal-ewwel menstrwazzjoni spontanja, skont liema minnhom tiġi l-ewwel. L-inċidenza ta' ovulazzjoni fil-21 ġurnata wara abort (fl-20 ġimgħa tqala), m'hijiex magħrufa.

Wara t-twelid

Nisa li jagħżlu li ma jreddgħux għandhom jibdeu it-trattament kontraċettiv b'EVRA mhux aktar kmieni minn 4 ġimgħat wara t-twelid tat-tarbija. Meta t-trattament jinbeda aktar tard, il-mara għandha tingħata parir biex tuża wkoll kontraċezzjoni b'barriera matul l-ewwel sebat ijiem. Madanakollu, jekk diġà kien hemm kopulazzjoni, għandha tiġi eskluża tqala qabel tinbeda EVRA jew inkella, il-mara għandha tistenna l-ewwel menstrwazzjoni.

Għal nisa li qed iredgħu, ara sezzjoni 4.6.

X'tagħmel jekk il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda tinqala' għal kollox jew parzjalment

Jekk il-garża EVRA li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda tinqala' għal kollox jew parzjalment u tibqa' maqluġha, ma jkunx hemm amministrazzjoni suffiċjenti tal-prodott mediċinali.

Jekk EVRA tibqa' maqluġha anke parzjalment:

- għal inqas minn ġurnata waħda (sa 24 siegħa): għandha tiġi applikata mill-ġdid fl-istess post jew mibdula b'garża EVRA li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda ġdida

immedjatament. M'hemm bżonn tal-ebda kontraċezzjoni oħra. Il-garża EVRA li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda li jkun imiss għandha tiġi applikata fil-“Ġurnata tal-Bdil” tas-soltu.

- għal aktar minn ġurnata waħda (24 siegħa jew aktar) jew jekk il-persuna ma ndunatx meta l-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda nqalgħet għal kollox jew parzjalment: il-persuna tista' ma tkunx protetta mit-tqala: il-persuna għandha twaqqaf iċ-ċiklu attwali ta' kontraċezzjoni u għandha tibda ċiklu ġdid immedjatament billi tapplika garża EVRA li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda ġdida. Minn issa 'il quddiem hemm “l-Ewwel Ġurnata” ġdida u “l-Ġurnata tal-Bdil” ġdida. Għandu jintuża kontraċettiv mhux ormonali flimkien mat-trattament għall-ewwel sebat ijiem taċ-ċiklu l-ġdid biss.

Il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda m'għandhiex terġa' tiġi applikata jekk ma tkunx twaħħal; garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda ġdida għandha tiġi applikata immedjatament. M'għandhomx jintużaw adeżivi supplementari jew faxex biex iżommu l-garża EVRA li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda fil-post.

Jekk ikun hemm dewmien fil-ġranet ta' bdil tal-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda EVRA li jkun imiss

Fil-bidu ta' kwalunkwe ċiklu ta' użu tal-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda (L-Ewwel Ġimgħa/ L-Ewwel Ġurnata)

Il-persuna tista' ma tkunx protetta mit-tqala. Il-persuna għandha tapplika l-ewwel garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda taċ-ċiklu l-ġdid malli tiftakar. Min issa l-quddiem hemm “Ġurnata tal-Bdil” tal-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda ġdida u “l-Ewwel Ġurnata” ġdida. Kontraċettiv mhux ormonali jrid jintuża flimkien mat-trattament għall-ewwel sebat ijiem taċ-ċiklu l-ġdid. Jekk tkun saret kopulazzjoni f'tali perjodu ta' waqfa fit-tul mingħajr garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda, il-possibbiltà ta' tqala għandha tiġi kkunsidrata.

Fin-nofs taċ-ċiklu (It-Tieni Ġimgha/ It-Tmien Ġurnata jew it-Tielet Ġimgha/ Il-15-il Ġurnata)

- għal jum jew jumejn (sa 48 siegħa): il-persuna għandha tapplika garża EVRA li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda ġdida immedjatament. Il-garża EVRA li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda li jmiss għandha tiġi applikata fil-“Ġurnata tal-Bidla” tas-soltu. Jekk fis-sebat ijiem ta' qabel dik il-ġurnata fejn ma twaħħlitx il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda, il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda kienet imwaħħla sewwa, ma hemmx bżonn l-użu ta' kontraċettiv addizzjonali.
- għal aktar minn jumejn (48 siegħa jew aktar): Il-persuna tista' ma tkunx protetta mit-tqala. Il-persuna għandha twaqqaf iċ-ċiklu ta' kontraċezzjoni attwali u għandha tibda ċiklu ġdid ta' erba' ġimgħat immedjatament billi tapplika garża EVRA li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda ġdida. Minn issa 'il quddiem hemm “l-Ewwel Ġurnata” ġdida u “l-Ġurnata tal-Bdil” ġdida. Kontraċettiv mhux ormonali għandu jintuża flimkien mat-trattament għall-ewwel sebat ijiem konsekuttivi taċ-ċiklu l-ġdid.

Fl-aħħar taċ-ċiklu (Ir-Raba' Ġimgha/ It-22 Ġurnata)

- Jekk il-garża EVRA li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda ma titneħħiex fil-bidu tar-Raba' Ġimgħa (it-22 Ġurnata) għandha titneħħa mill-aktar fis possibbli. Iċ-ċiklu li jmiss għandu jibda fil-“Ġurnata tal-Bdil” tas-soltu, li hija l-jum ta' wara t-28 Ġurnata. M'hemm bżonn tal-ebda użu ta' kontraċettiv addizzjonali.

Aġġustament tal-ġurnata tal-bdil

Sabiex tipposponi l-menstrwazzjoni għal ċiklu wieħed, il-mara għandha tapplika garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda oħra fil-bidu tar-Raba' Ġimgħa (it-22 Ġurnata) u b'hekk ma tkunx qed tosserva l-perjodu mingħajr garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda. Jista' jkun hemm fsada li tippenetra iċ-ċiklu jew fsada ħafifa ħafna. Wara sitt ġimgħat konsekuttivi li tintlibes il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda, għandu jkun hemm perjodu ta' sebat ijiem mingħajr garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda. Wara dan, l-applikazzjoni regolari ta' EVRA tista' titkompla.

Jekk il-persuna tkun tixtieq tmexxi l-Ġurnata tal-Bdil, iċ-ċiklu attwali għandu jitkompla billi titneħħa t-tielet garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda fil-ġurnata li suppost. Matul il-ġimgħa

mingħajr garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda tista' tingħażel Ġurnata tal-Bdil ġdida billi l-ewwel garża EVRA li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda taċ-ċiklu li jmiss tiġi applikata meta tasal il-ġurnata mixtieqa. Għall-ebda raġuni m'għandu jkun hemm perjodu ta' aktar minn sebat ijiem mingħajr garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda. Aktar ma jkun qasir il-perjodu mingħajr garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda aktar hemm ċans li l-persuna ma jkollhiex fsada tal-waqfien mit-trattament u iżda jkun hemm fsada li tippenetra ċ-ċiklu jew fsada ħafifa ħafna fiċ-ċiklu sussegwenti ta' trattament.

F'każ ta' irritazzjoni ħafifa fil-ġilda

Jekk l-użu tal-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda jwassal għal irritazzjoni skomda, għandha tiġi applikata garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda ġdida f'sit ġdid sakemm tasal il-Ġurnata tal-Bdil li jmiss. Għandha tintlibes garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda waħda biss kull darba.

4.3 Kontraindikazzjonijiet

Kontraċettivi ormonali kombinati (CHCs) m'għandhomx jintużaw fil-kundizzjonijiet li ġejjin. Jekk xi wieħed minn dawn id-disturbi jseħħ waqt l-użu ta' EVRA, EVRA għandha titwaqqaf immedjatament.

- Preżenza ta' riskju ta' tromboemboliżmu venuż (VTE)
 - Tromboemboliżmu venuż - VTE kurrenti (fuq antikoagulanti) jew storja medika ta' (eż. trombożi tal-vini profondi [DVT] jew emboliżmu pulmonari [PE]).
 - Predispożizzjoni ereditarja magħrufa jew predispożizzjoni akkwiziżta għal tromboemboliżmu venuż, bħal reżistenza APC (li tinkludi Fattur V Leiden), defiċjenza ta' antithrombin-III, defiċjenza ta' proteina C, defiċjenza ta' proteina S
 - Operazzjoni maġġuri b'immobilizzazzjoni fit-tul (ara sezzjoni 4.4)
 - Riskju għoli ta' tromboemboliżmu venuż minħabba l-preżenza ta' fatturi multipli ta' riskju (ara sezzjoni 4.4)
- Preżenza ta' riskju ta' tromboemboliżmu arterjali (ATE)
 - Tromboemboliżmu arterjali - tromboemboliżmu arterjali kurrenti, storja medika ta' tromboemboliżmu arterjali (eż. infart mijokardjaku) jew kundizzjoni prodromali (eż. angina pectoris)
 - Mard ċerebrovaskulari - aċċessjoni kurrenti, storja medika ta' aċċessjoni jew kundizzjoni prodromali (eż. attakk iskemiku temporanju, TIA)
 - Predispożizzjoni ereditarja magħrufa jew predispożizzjoni akkwiziżta għal tromboemboliżmu arterjali, bħal iperomocisteinemija u antikorpi antifosfolipidi (antikorpi anticardiolipin, antikoagulant ta' lupus).
 - Storja medika ta' emigranja b'sintomi newroloġiċi fokali.
 - Riskju għoli ta' tromboemboliżmu arterjali minħabba fatturi multipli ta' riskju (ara sezzjoni 4.4) jew il-preżenza ta' fattur wieħed ta' riskju serju bħal:
 - dijabete mellitus b'sintomi vaskulari
 - pressjoni għolja severa
 - dislipoproteinemija severa
- Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew kwalunkwe sustanza mhux attiva elenkata fis-sezzjoni 6.1
- Karċinoma tas-sider magħrufa jew suspettata
- Karċinoma tal-endometriju jew xi neoplażmu ieħor magħruf jew suspettat li huwa dipendenti mill-estroġenu
- Funzjoni abnormali tal-fwied relatata ma' mard epatoċellulari akut jew kroniku
- Adenomi jew karċinomi tal-fwied
- Fsada ġenitali abnormali mingħajr dijanjożi
- Użu flimkien ma' prodotti mediċinali li fihom ombitasvir/paritaprevir/ritonavir u dasabuvir, prodotti mediċinali li fihom glecaprevir/pibrentasvir jew sofosbuvir/velpatasvir/voxilaprevir (ara sezzjoni 4.5).

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Twissijiet

Jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet jew fatturi ta' riskju msemmija hawn ikun preżenti, l-adegwatezza ta' EVRA għandhom jiġu diskussi mal-mara.

Fil-każ ta' aggravament, jew l-ewwel dehra ta' kwalunkwe minn dawn il-kundizzjonijiet jew fatturi ta' riskju, il-mara għandha tingħata parir biex tikkuntattja lit-tabib tagħha biex jiddetermina jekk l-użu ta' EVRA għandux jitwaqqaf.

M'hemmx evidenza klinika li tindika li l-garża transdermal hi, fi kwalunkwe aspekk, aktar sigura mill-kontraċettivi orali kkombinati.

EVRA m'hijiex indikata waqt it-tqala (ara sezzjoni 4.6).

Riskju ta' tromboemboliżmu venuż (VTE)

L-użu ta' kwalunkwe kontraċettiv ormonali kombinat (CHC) iżid ir-riskju ta' tromboemboliżmu venuż (VTE) meta mqabbel mal-ebda użu. **Prodotti li jkun fihom levonorgestrel, norgestimate jew norethisterone huma assoċjati mar-riskju l-iktar baxx ta' VTE. Prodotti oħrajn bħal EVRA jista' jkollhom sad-doppju ta' dan il-livell ta' riskju. Id-deċiżjoni li tuża kwalunkwe prodott ieħor minbarra dak bl-iktar riskju baxx ta' VTE għandha tittieħed biss wara diskussjoni mal-mara biex jiġi żgurat li hi tifhem ir-riskju ta' VTE b'EVRA, kif il-fatturi kurrenti tagħha tar-riskju jinfluwenzaw dan ir-riskju, u li riskju tagħha ta' VTE ikun l-ogħla fl-ewwel sena tal-ewwel użu tagħha. Hemm ukoll xi evidenza li r-riskju jiżdied meta CHC jerġa' jibda wara waqfa fl-użu ta' 4 ġimgħat jew aktar.**

F'nisa li ma jużawx CHC u li mhumix tqal, madwar 2 minn kull 10,000 mara se jiżviluppaw VTE matul il-perjodu ta' sena. Madankollu, fi kwalunkwe mara individwali, ir-riskju jista' jkun ferm ogħla, skont il-fatturi ta' riskju sottostanti tagħha (ara hawn taħt).

Hu stmat li minn 10,000 mara li jużaw doża baxxa ta' CHC li fih levonorgestrel, madwar 6¹ se jiżviluppaw VTE f'sena Studji ssuġġerew li l-inċidenza ta' VTE f'nisa li jużaw Evra hu sa darbtejn ogħla milli fl-utenti ta' CHCs li jkun fihom levonorgestrel. Dan jikkorrispondi għal bejn madwar 6 u 12 VTEs f'sena minn 10,000 mara li jużaw EVRA.


Fiż-żewġ każijiet, in-numru ta' VTEs kull sena hu inqas min-numru mistenni fin-nisa matul it-tqala jew fil-perjodu ta' wara t-twelid.

VTE jista' jkun fatal f'1-2% tal-każijiet.

¹ In-nofs ta' medda ta' 5-7 minn kull 10,000 WY, ibbażat fuq riskju relattiv għal CHCs li fihom levonorgestrel kontra nuqqas ta' użu ta' madwar 2.3 sa 3.6

Numru ta' avvenimenti VTE għal kull 10,000 mara f'sena

Numru ta' avvenimenti VTE



Rari ħafna ġie rrapportat li sehhiet trombożi f'dawk li għamlu użu minn CHC f'vini jew arterji oħrajn eż. vini epatiċi, tal-mindil, renali, jew retinali u arterji.

Fatturi ta' riskju għal VTE

Ir-riskju ta' kumplikazzjonijiet tromboemboliċi venużi f'utenti ta' CHC jista' jiżdied b'mod sostanzjali f'mara b'fatturi addizzjonali ta' riskju, partikularment jekk hemm fatturi multipli ta' riskju (ara t-tabella).

EVRA hu kontraindikant jekk mara jkollha fatturi multipli ta' riskju li jpoġġuha f'riskju għoli ta' trombożi venużi (ara sezzjoni 4.3). Jekk mara jkollha iktar minn fattur wieħed ta' riskju, hu possibbli li ż-żieda fir-riskju tkun ikbar mit-total tal-fatturi individwali - f'dan il-każ, ir-riskju totali tagħha ta' VTE għandu jiġi kkunsidrat. Jekk il-bilanċ tal-benefiċċji u r-riskji jiġi kkunsidrat li hu negattiv, CHC m'għandux jiġi preskritt (ara sezzjoni 4.3).

Tabella: Fatturi ta' riskju għal VTE

Fattur ta' riskju	Kumment
Ħxuna żejda (indiċi tal-piż tal-ġisem ta' iktar minn 30 kg/m ²);	Ir-riskju jiżdied sostanzjalment hekk kif il-BMI jogħla. Hu partikularment importanti li wieħed jikkunsidra jekk fatturi oħrajn ta' riskju jkunu preżenti wkoll.
Immobilizzazzjoni fit-tul, operazzjoni maġġuri, xi operazzjoni fis-saqajn jew pelvis, newrokirurġija, jew trawma maġġuri Nota: immobilizzazzjoni temporanja li tinkludi vvjaġġar bl-ajru ta' >4 sigħat, tista' wkoll tkun fattur ta' riskju għal VTE, partikularment f'nisa b'fatturi oħrajn ta' riskju	F'dawn is-sitwazzjonijiet hu rakkomandabbli li twaqqaf l-użu tal-garża/pillola/ċirku (fil-każ ta' operazzjoni mhux obligatorja mill-inqas erba' ġimgħat minn qabel) u ma terġax tibda qabel ġimagħtejn wara l-mobilizzazzjoni mill-ġdid kompleta. Metodu ieħor ta' kontraċezzjoni għandu jintuża sabiex tiġi evitata tqala mhux intenzjonata. Kura antitrombotika għandha tiġi kkunsidrata jekk EVRA ma jkunx twaqqaf minn qabel.
Storja medika pożittiva tal-familja (jekk xi darba kien hemm tromboemboliżmu venuż f'xi ħadd mill-aħwa jew ġenituri f'età relattivament bikrija).	Jekk tkun issuspettata predispożizzjoni ereditarja, il-mara għandha tiġi rriferuta għand speċjalista għal parir qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar kwalunkwe użu ta' CHC.

Kundizzjonijiet mediċi oħrajn assoċjati ma' VTE	Kanċer, lupus eritamatuż sistemiku, sindrome uremiku emolitiku, mard infjammatorja kroniku tal-imsaren (il-marda ta' Crohn jew kolite ulċerattiva) u marda taċ-ċelluli sickle.
Żieda fl-età	Partikularment iktar minn 35 sena.

M'hemm l-ebda kunsens dwar ir-rwol possibbli tal-vini varikużi u tromboflebite superfiċjali fil-bidu jew il-progressjoni ta' trombożi venażi.

Iż-żieda fir-riskju ta' tromboemboliżmu fit-tqala, u b'mod partikulari l-perjodu ta' 6 ġimgħat ta' wara l-ħlas, għandu jiġi kkunsidrat (għal informazzjoni dwar "Tqala u treddiġh" ara sezzjoni 4.6;.

Sintomi ta' VTE (trombożi tal-vini profondi u emboliżmu pulmonari)

Fil-każ ta' sintomi, il-mara għandha tingħata parir biex tfittex attenzjoni medika urġenti u biex tinforma lill-professionist fil-qasam mediku li hi qed tiegħu CHC.

Sintomi ta' trombożi tal-vini profondi (DVT) jistgħu jinkludu:

- nefħa fuq naħa waħda tar-riġel u/jew tas-sieq jew matul vina fir-riġel;
- uġiġħ jew sensittività fir-riġel li jistgħu jinħassu biss meta tkun bilwieqfa jew tkun qed timxi;
- żieda fis-sħana tar-riġel affettwat; ġilda ħamra jew tibdil fil-kulur tal-ġilda fuq ir-riġel.

Sintomi ta' emboliżmu pulmonari (PE) jistgħu jinkludu:

- bidu għal għarrieda ta' qtugħ ta' nifs jew qtugħ ta' nifs inspjegabbli jew nifs mgħaġġel;
- sogħla għal għarrieda li tista' tkun assoċjata ma' emoptisi;
- uġiġħ qawwi fis-sider;
- mejt jew sturdament sever;
- taħbit tal-qalb mgħaġġel jew irregolari.

Xi wħud minn dawn is-sintomi (eż. "qtugħ ta' nifs", "sogħla") mhumiex speċifiċi u jista' jiġi interpretati f'ħażin bħala avvenimenti aktar komuni jew inqas severi (eż. infezzjonijiet fl-apparat respiratorju).

Sinjali oħra ta' okklużjoni vaskulari jistgħu jinkludu: uġiġħ f'daqqa, nefħa u kulur ftit blu f'xi estremità.

Jekk l-okklużjoni isseħħ fl-għajn, is-sintomi jistgħu jvarjaw minn li l-vista tiċċajpar bla wġiġh, li tista' tavvanza għal telf tal-vista. Xi kultant, it-telf tal-vista jista' jseħħ kważi immedjatament.

Riskju ta' tromboemboliżmu arterjali (ATE)

Studji epidemjoloġiċi assoċjaw l-użu ta' CHCs ma' żieda fir-riskju għal tromboemboliżmu arterjali (infart mijokardjaku) jew għal inċident ċerebrovaskulari (eż. attakk iskemiku temporanju, aċċessjoni). Avvenimenti tromboembolitiċi arterjali jistgħu jkunu fatali.

Fatturi ta' riskju għal ATE

Ir-riskju ta' kumplikazzjonijiet tromboembolitiċi arterjali jew ta' inċident ċerebrovaskulari f'utenti ta' CHC jiżdied f'nisa b'fatturi ta' riskju (ara t-tabella). EVRA hu kontraindikant jekk mara jkollha fattur wieħed serju jew fatturi multipli ta' riskju għal ATE li jpoġġuha f'riskju għoli ta' trombożi arterjali (ara sezzjoni 4.3). Jekk mara jkollha iktar minn fattur wieħed ta' riskju, hu possibbli li ż-żieda fir-riskju tkun ikbar mit-total tal-fatturi individwali - f'dan il-każ, ir-riskju totali tagħha għandu jiġi kkunsidrat. Jekk il-bilanċ tal-benefiċċji u r-riskji jiġi kkunsidrat li hu negattiv, CHC m'għandux jiġi preskritt (ara sezzjoni 4.3).

Tabella: Fatturi ta' riskju għal ATE

Fattur ta' riskju	Kumment
Żieda fl-età	Partikularment iktar minn 35 sena
Tipjip	In-nisa għandhom jingħataw parir biex ma jpejpu jekk jixtiequ jużaw CHC. Nisa li għandhom iktar minn 35 sena li jkomplu jpejpu, għandhom jingħataw parir bil-qawwa biex jużaw metodu differenti ta' kontraċezzjoni.
Pressjoni għolja	
Ħxuna żejda (indiċi tal-piż tal-ġisem ta' iktar minn 30 kg/m ²)	Ir-riskju jiżdied sostanzjalment hekk kif il-BMI jogħla. Partikularment importanti f' nisa fatturi addizzjonali ta' riskju.
Storja medika pożittiva tal-familja (jekk xi darba kien hemm tromboemboliżmu arterjali f' xi ħadd mill-aħwa jew ġenituri f' età relattivament bikrija, eż. taħt il-50 sena)	Jekk tkun issuspettata predispożizzjoni ereditarja, il-mara għandha tiġi rriferuta għand speċjalista għal parir qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar kwalunkwe użu ta' CHC.
Emigranja	Żieda fil-frekwenza jew fis-severità ta' emigranja waqt l-użu ta' CHC (li jista' jkun sintomu bikri ta' avveniment ċerebrovaskulari) tista' tkun raġuni għal twaqqif immedjat.
Kundizzjonijiet mediċi oħrajn assoċjati ma' avvenimenti vaskulari avversi	Dijabete mellitus, iperomocisteinemija, mard valvulari tal-qalb u fibrillazzjoni atrijsjali, dislipoproteinemija u lupus eritematoż sistemiku.

Sintomi ta' ATE

Fil-każ ta' sintomi, il-mara għandha tingħata parir biex tfittex attenzjoni medika urġenti u biex tinforma lill-professionist fil-qasam mediku li hi qed tieħu CHC.

Sintomi ta' inċident ċerebrovaskulari jistgħu jinkludu:

- tneimn jew dgħufija għal għarrieda fil-wieċ, driegħ jew riġel, speċjalment fuq naħa waħda tal-ġisem;
- iġollok problemi f' daqqa biex timxi, sturdament, telf tal-bilanċ jew koordinazzjoni;
- konfużjoni għal għarrieda, problemi biex titkellem jew tifhem;
- problemi f' daqqa biex tara minn għajnejn waħda jew miż-żewġ għajnejn;
- uġiġħ ta' ras sever f' daqqa jew fit-tul mingħajr ebda kawża magħrufa;
- tintilef minn sensik jew iħossok ħażin bi jew mingħajr aċċessjoni.

Sintomi temporanji jissuġġerixxu li l-avveniment ikun attakk iskemiku temporanju (TIA).

Sintomi ta' infart mijokardjaku jistgħu jinkludu:

- uġiġħ, skonfort, pressjoni, toqol, sensazzjoni ta' għafis jew tħossok mimli fis-sider, driegħ, jew taħt in-nofs tal-kustilji;
- skonfort li jinfirx għad-dahar, xedaq, gerżuma, driegħ jew stonku;
- tħossok qisek mimli, iġollok indiġestjoni jew tifga;
- għaraq, dardir, rimettar jew sturdament;
- dgħufija estrema, ansjetà, jew qtugħ ta' nifs;
- taħbit tal-qalb mgħaġġel jew irregolari.

Nisa li jużaw kontracetivi kkombinati għandhom jiġu mwissija b' mod enfatiku biex jikkuntattjaw lit-tabib f' każ ta' sintomi possibbli ta' trombożi. F' każ ta' trombożi ssuspettata jew ikkonfermata, l-użu ta' kontracetiv ormonali għandu jitwaqqaf. Kontraċezzjoni xierqa għandha tinbeda minħabba t-teratoġeniċità tat-terapija kontra l-koagulazzjoni (*coumarins*).

Tumuri

Żieda fir-riskju ta' kanċer ċervikali f'min uża l-kontraċettivi orali kkombinati għal-tul ta' żmien ġew irrapportati f'xi studji epidemjoloġiċi, iżda għadu jkun hemm kontroversji dwar sa fejn din is-sejba hi attribwita għall-effetti mħallta ta' mġiba sesswali u fatturi oħra bħall-virus papilloma uman (HPV).

Meta-analiżi ta' 54 studju epidemjoloġiku rrapportaw li hemm żieda żgħira fir-riskju ($RR=1.24$) li ssir dijanjożi ta' kanċer tas-sider f'nisa li f'dak il-waqt ikunu qed jużaw kontraċettivi orali kkombinati. Ir-riskju żejjed jitlaq bil-mod il-mod fuq medda ta' 10 snin wara li jitwaqqaf l-użu tal-kontraċettivi orali kkombinati. Minħabba li l-kanċer tas-sider huwa rari f'nisa taħt l-40 sena, in-numru ta' dijanjożi ta' kanċer tas-sider li ssir f'min qed juża l-kontraċettivi orali kkombinati bħalissa, jew li użahom dan l-aħħar, huwa żgħir meta mqabbel mar-riskju totali ta' kanċer tas-sider. Kanċers tas-sider li saret dijanjożi tagħhom f'min qatt uża t-trattament għandhom tendenza li ma jkunux klinikament avvanzati daqs dawk li tkun saret id-dijanjożi tagħhom f'min qatt ma uża t-trattament. Il-mudell ta' żieda fir-riskju li ġie osservat jista' jkun minħabba dijanjożi bikrija ta' kanċer tas-sider f'min juża l-kontraċettivi orali kkombinati, l-effetti bijoloġiċi tal-kontraċettivi orali kkombinati jew taħlita tat-tnejn flimkien.

F'każi rari, tumuri tal-fwied beninni, jew aktar rari, tumuri tal-fwied malinni ġew irrapportati f'min juża l-kontraċettivi orali kkombinati. F'każi iżolati, dawn it-tumuri wasslu għal emorraġġi fiż-żaqq li kienu ta' periklu għall-ħajja. Għalhekk tumur epatiku għandu jiġi kkunsidrat fid-dijanjożi divrenzjali meta jkun hemm uġiġħ qawwi fin-naħa ta' fuq taż-żaqq, żieda fid-daqs tal-fwied jew sinjali ta' emorraġġia fiż-żaqq f'nisa li jkunu qed jużaw EVRA.

Disturbi Psikjatriċi

Burdata depressa u depressjoni huma effetti mhux mixtieqa iżda magħrufa sew tal-użu tal-kontraċettivi ormonali (ara sezzjoni 4.8). Id-depressjoni tista' tkun serja u hija fattur ta' riskju magħruf sew għal imġiba suwiċidali u suwiċidju. In-nisa huma mwissija jikkuntattjaw lit-tabib tagħhom f'każ ta' bidliet fil-burdata u sintomi depressivi, inkluż ftit wara li tinbeda l-kura.

Kundizzjonijiet oħra

- L-effikaċja tal-kontraċettiv tista' tkun anqas f'nisa li jiżnu 90 kg jew aktar (ara sezzjonijiet 4.2 u 5.1).
- Nisa li għandhom ipertrigliċeridemija jew storja tal-kundizzjoni fil-familja, jista' jkollhom żieda fir-riskju ta' pankreatite meta jużaw kontraċettivi ormonali kkombinati.
- Għalkemm ġew irrapportati żidiet żgħar fil-pressjoni ta' ħafna nisa li jużaw kontraċettivi ormonali, żidiet li huma klinikament rilevanti huma rari. Għadha ma ġietx stabbilita relazzjoni definittiva bejn l-użu tal-kontraċettivi ormonali u l-pressjoni għolja klinika. Jekk, waqt l-użu ta' kontraċettivi ormonali kkombinati fi pressjoni għolja diġà eżistenti, il-valuri tal-pressjoni kontinwament għoljin jew żieda sinifikanti fil-pressjoni ma jirrispondux suffiċjentement għat-trattament għall-pressjoni għolja, il-kontraċettiv ormonali kkombinat għandu jitwaqqaf. L-użu ta' kontraċettiv ormonali kkombinat jista' jerġa' jitkompla jekk valuri ta' pressjoni normali jinkisbu b'kura kontra l-pressjoni għolja.
- Il-kundizzjonijiet li ġejjin ġew irrapportati li jseħħu jew jiddeterjoraw kemm fit-tqala kif ukoll bl-użu tal-kontraċettivi orali kkombinati, iżda l-evidenza ta' assoċjazzjoni mal-użu tal-kontraċettivi orali kkombinati huwa inkonklużiv: Suffeġra u jew ħakk relatat ma' kolestasi; mard tal-marrara li jinkludi koleċistite u kolelitjażi; porfirja; lupus erythematosus sistemiku; sindrome uremiku emolitiku; korea ta' Sydenham; erpete gestationis; nuqqas ta' smiġħ relatat mal-otosklerożi.
- Disturbi akuti jew kroniċi tal-funzjoni tal-fwied jgħolqu l-bżonn tal-waqfien mill-użu tal-kontraċettivi ormonali kkombinati sakemm il-markaturi li juru l-funzjoni tal-fwied jiġu lura għan-normal. Ir-rikorrenza ta' ħakk relatat mal-kolestasi li tkun diġà grāt waqt tqala jew l-użu ta' steroidi tas-sess toħloq il-bżonn li jitwaqqfu l-kontraċettivi ormonali ikkombinati.
- Għalkemm il-kontraċettivi ormonali kkombinati jista' jkollhom effett fuq ir-reżistenza periferali tal-insulina u t-tolleranza tal-glukożju, m'hemm l-ebda evidenza ta' bżonn ta' bidla fil-mod ta' kif jittieħed it-trattament tad-dijabete waqt l-użu ta' kontraċettivi ormonali ikkombinati. Madankollu nisa dijabetiċi għandhom jiġu osservati b'attenzjoni b'mod partikolari fl-ewwel stadji ta' użu ta' EVRA.

- Id-depressjoni endogenika, l-epilessija, il-marda ta' Crohn u l-kolite bl-ulċeri ġew irrapportati li marru għall-aġħar waqt l-użu tal-kontraċettivi orali kkombinati.
- L-estroġeni eżoġeni jistgħu jinduċu jew jaggravaw is-sintomi ta' anġioedema ereditarja u akkwiziżta.
- Xi kultant bl-użu ta' kontraċezzjoni ormonali tista' sseħħ kloasma, speċjalment jekk dawk li jkunu qed jużawha jkollhom storja ta' kloasma gravidarum. Persuni li jkunu qed jużaw it-trattament u li għandhom tendenza għall-kloasma għandhom jevitaw esponiment għax-xemx jew radjazzjoni ultravjola waqt l-użu t'EVRA. Spiss, kloasma ma tkunx kompletament reversibbli.

Eżami mediku/konsultazzjoni

Qabel il-bidu jew il-bidu mill-ġdid ta' EVRA għandha tittieħed l-istorja medika kompleta (li tinkludi l-istorja medika tal-familja), u t-tqala trid tiġi eskluża. Il-pressjoni tad-demem għandha titkejjel u għandu jsir eżami fiżiku, iggwidat mill-kontraindikazzjonijiet (ara sezzjoni 4.3) u t-twissijiet (ara sezzjoni 4.4). Hu importanti li tingħied l-attenzjoni tal-mara għal informazzjoni dwar trombożi vena u arterjali, li tinkludi r-riskju ta' EVRA meta mqabbla ma' CHCs oħrajn, is-sintomi ta' VTE u ATE, il-fatturi magħrufa ta' riskju u x'għandha tagħmel f'każ ta' trombożi ssuspettata.

Il-mara għandha wkoll tingħata parir biex taqra bl-attenzjoni l-fuljett ta' tagħrif tal-utent u biex issegwi l-pariri mogħtija fih. Il-frekwenza u n-natura tal-eżamijiet għandhom jiġu bbażati fuq linji gwida stabbiliti ta' Prattika, u jkunu adattati għall-mara individwali.

In-nisa għandhom jingħataw parir li l-kontraċettivi orali ma jipproteġux kontra infezzjonijiet tal-HIV (AIDS) u mard ieħor li jiġi trasmess sesswalment.

Irregolaritajiet tal-fsada

B'kull kontraċettiv ormonali kkombinat jista' jkun hemm telf ta' demm irregolari (fsada ħafifa ħafna jew fsada li tippenetra iċ-ċiklu), speċjalment waqt l-ewwel xhur ta' użu. Għal din ir-raġuni, opinjoni medika dwar telf ta' demm irregolari tkun ta' użu biss wara perjodu ta' aġġustament ta' madwar tliet ċikli. Jekk il-fsada li tinfer iċ-ċiklu tippersisti, jew jekk il-fsada li tinfer iċ-ċiklu sseħħ wara li jkun diġà hemm ċikli regolari, waqt li EVRA tkun qed tintuża kif rakkomandat, għandha tiġi kkunsidrata kawża oħra li m'hix EVRA. Kawża mhux ormonali għandhom jiġu kkunsidrati u, jekk ikun hemm bżonn, għandhom jittieħdu miżuri dijanjostiċi xierqa li jeskludu mard organiku jew tqala. Dan jista' jinkludi *curettage*. F'xi nisa, fsada wara l-waqfa iċ-ċiklu ta' trattament tista' ma sseħħx f'dan il-perjodu mingħajr garża li ttipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda. Jekk EVRA tpoġġiet skont l-istruzzjonijiet deskritti f'sezzjoni 4.2, mhuwiex probabbli li l-mara toħroġ tqila. Madankollu, jekk EVRA ma tpoġġietx skont dawn l-istruzzjonijiet qabel l-ewwel fsada li ma sseħħx wara l-waqfa ċiklika mit-trattament jew jekk il-fsada ma sseħħx għal darbtejn wara żewġ waqfiet ċikliċi mit-trattament, it-tqala għandha tiġi eskluża qabel ikun jista' jsir aktar użu minn EVRA.

Xi wħud mill-persuni li jużaw it-trattament jistgħu jesperjenzaw amenorreja jew oligomenorreja wara li jwaqqfu għal kollox il-kontraċezzjoni ormonali, speċjalment meta t-tali kundizzjonijiet kienu diġà jeżistu qabel.

4.5 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni

Nota: L-informazzjoni dwar kif għandhom jiġu preskritti prodotti mediċinali li se jingħataw flimkien ma' din il-mediċina għandha tiġi kkonsultata biex jiġu identifikati l-interazzjonijiet li jista' jkun hemm.

Interazzjonijiet farmakodinamiċi

Waqt provi kliniċi b'pazjenti ttrattati għal infezzjonijiet bil-virus tal-epatite Ċ (HCV, *hepatitis C virus*) b'mediċini li fihom ombitasvir/paritaprevir/ritonavir u dasabuvir, b'ribavirin jew mingħajru, żidiet ta' 5 darbjet aktar mill-ogħla limitu tan-normal (ULN, *upper limit of normal*) fil-livelli tat-transaminases (ALT) seħħew b'mod sinifikanti aktar f'nisa li kienu qed jużaw mediċini li fihom ethinyl estradiol bħal ma huma kontraċettivi kkombinati tal-ormoni (CHCs, *combined hormonal contraceptives*). Barra minn hekk, inkluż f'pazjenti ttrattati b'glecaprevir/pibrentasvir jew

sofosbuvir/velpatasvir/voxilaprevir, ġew osservati żidiet fil-livelli tal-ALT f'nisa li kienu qed jużaw mediċini li fihom ethinyl estradiol, b'hal CHCs (ara sezzjonijiet 4.3).

Għalhekk, persuni li jużaw EVRA għandhom jaqilbu għal metodu alternattiv ta' kontraċezzjoni (eż., kontraċezzjoni bi progestagen biss jew metodi mhux tal-ormoni) qabel il-bidu tat-terapija b'dawn l-iskedi ta' kombinazzjoni ta' mediċini. EVRA jista' jinbeda mill-ġdid ġimagħtejn wara li jitlesta t-trattament b'dawn l-iskedi ta' kombinazzjoni ta' mediċini.

Effetti ta' prodotti mediċinali oħra fuq EVRA

Jistgħu jsejgħu interazzjonijiet ma' mediċini li jinduċu l-enzimi mikrosomali li jistgħu jwasslu għal żieda fit-tneħħija tal-ormoni tas-sess u li tista' twassal għal fsada li tinfer iċ-ċiklu u/jew falliment fil-kontraċezzjoni. L-interazzjonijiet li ġejjin kienu rrapportati fil-letteratura medika.

Sustanzi li jżidu t-tneħħija tas-CHCs (effikaċja mnaqqsa ta' CHCs permezz ta' induzzjoni tal-enzimi), eż:

Barbiturati, bosentan, carbamazepine, phenytoin, primidone, rifampicin, modafinil, u mediċini tal-HIV ritonavir, nevirapine u efavirenz; u possibbilment anke felbamate, griseofulvin, oxcarbazepine, topiramate u prodotti li fihom ir-rimedju magħmul mill-ħxejjex St. John's Wort (hypericum perforatum).

Immaniġġar

L-induzzjoni tal-enzimi tista' tiġi osservata wara ftit ġranet ta' trattament. L-akbar induzzjoni tal-enzimi ġeneralment tidher f'madwar 10 ijiem iżda mbagħad tista' tibqa' sejra għal mill-inqas 4 ġimgħat wara t-twaqqif tat-terapija bil-prodott mediċinali.

Għal żmien qasir

Mara fuq trattament għal żmien qasir bi prodotti mediċinali li jinduċu enzimi tal-fwied li jimmetabolizzaw il-mediċini jew sustanzi individwali attivi li jinduċu dawn l-enzimi għandha tuża metodu ta' barriera għal żmien temporanju flimkien ma' EVRA, i.e. matul iż-żmien li fih ikunu qed jingħataw il-prodott mediċinali fl-istess waqt ma' EVRA u għal 28 jum wara li jitwaqqfu.

Jekk l-għoti tal-prodott mediċinali flimkien ma' EVRA jdum għaddej iktar mit-tmiem tal-perjodu ta' tliet ġimgħat bil-garża, il-garża li tipprowdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda li jkun imiss għandha tiġi applikata mingħajr ma jitħalla l-intervall tas-soltu ta' mingħajr garez.

Fit-tul

F'nisa fuq trattament fit-tul b'sustanzi attivi li jinduċu l-enzimi, huwa rrakkomandat metodu ieħor affidabbli ta' kontraċezzjoni, mhux tal-ormoni.

Sustanzi b'effetti varjabbli fuq it-tneħħija tas-CHCs

Meta jingħataw flimkien mas-CHCs, ħafna kombinazzjonijiet ta' inibituri tal-protease u inibituri ta' reverse transcriptase mhux nucleoside tal-HIV, inkluż kombinazzjonijiet ma' inibituri ta' HCV jistgħu jżidu jew inaqqsu l-konċentrazzjonijiet tal-estrogen jew il-progestins fil-plażma. L-effett sħiħ ta' dawn il-bidliet f'xi każijiet jista' jkun rilevanti b'mod kliniku.

Għalhekk, l-informazzjoni dwar kif għandhom jiġu ordnati mediċini tal-HIV li jintużaw flimkien ma' EVRA għandha tiġi kkonsultata biex jiġu identifikati interazzjonijiet possibbli u xi rakkomandazzjonijiet relatati. F'każ ta' xi dubju, għandu jintuża metodu kontraċettiv ieħor ta' barriera minn nisa li jkunu fuq terapija b'inibitur ta' protease jew inibitur ta' reverse transcriptase mhux nucleoside.

Inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' ethinylestradiol

Etoricoxib intwera li jżid il-livelli ta' ethinylestradiol fil-plażma 50 sa 60 %) meta jittieħed flimkien ma' kontraċettiv tal-ormoni bi tliet fażijiet mill-ħalq. Huwa maħsub li etoricoxib iżid il-livelli ta' ethinylestradiol minħabba li huwa jinibixxi l-attività ta' sulfotransferase u b'hekk jimpedixxi l-metaboliżmu ta' ethinylestradiol.

L-effett ta' EVRA fuq prodotti mediċinali oħra

Kontraċettivi ormonali jistgħu jaffettwaw il-metaboliżmu ta' ċerti sustanzi attivi oħrajn. Għaldaqstant, konċentrazzjonijiet fil-plażma jew fit-tessuti jistgħu jiżdedu (eż. Ciclosporin). Jista' jkun hemm bżonn ta' aġġustament fid-doża tal-prodott mediċinali li qed tingħata flimkien.

Lamotrigine: Kontraċettivi ormonali kkombinati ġew murija li jnaqqsu sinifikament il-konċentrazzjonijiet ta' lamotrigine fil-plażma meta jingħataw flimkien probabbilment minħabba l-induzzjoni ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine. Dan jista' jnaqqas il-kontroll tal-aċċessjonijiet: għalhekk, jista' jkun hemm bżonn ta' aġġustamenti fid-doża ta' lamotrigine.

Testijiet tal-laboratorju

L-użu ta' steroidi kontraċettivi jista' jinfluwenza r-riżultati ta' ċerti testijiet tal-laboratorju, li jinkludu parametri bijokimiċi tal-funzjoni tal-fwied, tat-tirojde, tal-adrenals u tal-kliewi, il-livelli ta' proteini (għarriera) fil-plażma, eż. globulini li jeħlu mal-kortikosteroidi u porzjonijiet minn lipidi/lipoproteini, parametri ta' metaboliżmu tal-karboidrati u parametri ta' koagulazzjoni u fibrinolizi. It-tibdiliet ġeneralment jibqgħu fil-medda normali tal-laboratorju.

4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

Tqala

EVRA m'għandux jingħata waqt it-tqala.

Studji epidemjoloġiċi ma juru l-ebda żieda fir-riskju ta' difetti tat-twelid fi tfal li twieldu lil nisa li użaw kontraċettivi kkombinati mill-ħalq qabel it-tqala. Il-maġġoranza tal-istudji riċenti wkoll ma jurux effett teratoġeniku meta kontraċettivi kkombinati mill-ħalq jintużaw involontarjament fil-bidu tat-tqala.

Id-dejta limitata dwar ir-riżultat ta' tqaliet esposti f'nisa li kienu qed jużaw EVRA mhix biżżejjed biex wieħed jasal għal konklużjonijiet dwar is-sigurtà tagħha waqt it-tqala.

Studji fl-annimali urew effetti mhux mixtieqa waqt it-tqala u t-treddigħ (ara sezzjoni 5.3). Fuq bażi ta' din id-dejta fl-annimali, l-effetti mhux mixtieqa minħabba l-azzjoni tal-ormoni tal-komposti attivi ma tistax tiġi eskluża. Madankollu, esperjenza ġenerali b'kontraċettivi kkombinati mill-ħalq waqt it-tqala ma tatx prova reali ta' effetti mhux mixtieqa fil-bnedmin.

Jekk isseħħ tqala waqt l-użu b'EVRA, EVRA għandha titwaqqaf immedjatament.

Iż-żieda fir-riskju ta' VTE fil-perjodu ta' wara l-ħlas għandu jiġi kkunsidrat meta jkun qed jerġa jinbeda EVRA (ara sezzjonijiet 4.2 u 4.4).

Treddigħ

It-treddigħ jista' jiġi affettwat minn kontraċettivi ormonali kkombinati minħabba li dawn jistgħu inaqqsu l-kwantità u jibdli l-kompożizzjoni tal-ħalib tas-sider. Għalhekk l-użu ta' EVRA m'huwiex rakkomandat sakemm il-mara li tkun qed tredda' tkun fatmet kompletament lit-tarbija tagħha.

Fertilità

In-nisa jistgħu jdumu biex jinqabdu tqal wara li titwaqqaf EVRA.

4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

EVRA m'għandha l-ebda effett jew ftit li xejn għandha effett fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni.

4.8 Effetti mhux mixtieqa

Sommarju tal-profil ta' sigurtà

L-aktar reazzjonijiet avversi rrapportati fi provi kliniċi kienu uġiġħ ta' ras, dardir u sensibiltà fis-sider, li seħħew f'bejn wiehied u ieħor 21.0%, 16.6%, u 15.9% tal-pazjenti, rispettivament. Reazzjonijiet

avversi li jistgħu jseħħu fil-bidu tal-kura iżda li s-soltu jonqsu wara l-ewwel tliet ċikli jinkludu tbajja' ta' demm mill-vaġina, sensittività fis-sider u tqalligħ.

Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet avversi magħżula

Żieda fir-riskju ta' avvenimenti arterjali u venużi u avvenimenti trombotiċi u tromboemboliċi, li jinkludu infart mijokardijaku, aċċessjoni, attakki iskemiċi temporanji, trombożi tal-vini u emboliżmu pulmonari, ġiet osservata f' nisa li jużaw CHCs, li huma diskussi f' aktar dettall f' sezzjoni 4.4.

Lista ta' reazzjonijiet avversi f' tabella

Is-sigurtà kienet evalwata fi 3 322 mara attivi sesswalment li pparteċipaw fi tliet provi kliniċi tal-Fażi III, li kienu mfasslin biex jistmaw l-effikaċja kontraċettiva. Dawn l-individwi rċivew sitt ċikli jew 13-il ċiklu ta' kontraċezzjoni (EVRA jew kontraċettiv mill-ħalq biex jitqabbel magħha), ħadu mill-anqas doża waħda tal-prodott mediċinali tal-istudju u pprovdew dejta ta' sigurtà. It-tabella 1 hawn taħt tirrifletti ir-reazzjonijiet avversi li ġew irrappurtati fi provi kliniċi u minn esperjenza ta' wara t-tqegħid fis-suq. Konvenzjoni MedDRA fuq il-frekwenzi: komuni ħafna ($\geq 1/10$); komuni ($\geq 1/100$ sa $< 1/10$); mhux komuni ($\geq 1/1\ 000$ sa $< 1/100$); rari ($\geq 1/10\ 000$ sa $< 1/1\ 000$); rari ħafna ($< 1/10\ 000$; mhux magħruf (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli).

Tabella 1: Frekwenza ta' reazzjonijiet avversi

<i>Klassi tas-Sistemi u tal-Organi</i>	Reazzjoni avversa
<i>Frekwenza</i>	
<i>Infezzjonijiet u infestazzjonijiet</i>	
komuni	Infezzjoni fungali (vulvo) vaġinali Kandidjażi vaġinali
rari	Raxx bil-ponot* Ponot żgħar fis-sit tal-applikazzjoni
<i>Neoplażmi beninni, malinni, u dawk mhux speċifikati (inkluż ċesti u polipi)</i>	
rari	Neoplażmu epatiku*† Kanċer tas-sider*† Karċimoma taċ-ċerviċi*† Adenoma epatika*† Lejomajoma tal-utru Fibroadenoma tas-sider
<i>Distubi fis-sistema immuni</i>	
mhux komuni	Sensittività eċċessiva
rari	Reazzjoni anafilattika*
mhux magħruf	Aggravar tas-sintomi ta' anġjoedema* ereditarja u akkwiżita
<i>Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni</i>	
mhux komuni	Iperkolesterolimja Żamma tal-fluwidi Żieda fl-aptit
rari	Ipergliċemija* Reżistenza għall-insulina*
<i>Disturbi psikjatriċi</i>	
komuni	Disturbi fil-burdata, ta' affett u ta' ansjetà
mhux komuni	Insomnja Tnaqqis fil-libido
rari	Rabja* Frustrazzjoni* Żieda fil-libido

<i>Disturbi fis-sistema nervuża</i>	
komuni ħafna	Ugħigh ta' ras
komuni	Emigranja Sturdament
rari	Inċident ċerebrovaskulari**† Emorraġġja ċerebrali*† Togħma mhux normali*
<i>Disturbi fl-għajnejn</i>	
rari	Intolleranza għal-lentijiet tal-kuntatt*
<i>Disturbi fil-qalb</i>	
rari	Tromboemboliżmu fl-arterji Infart mijokardijaku (akut)*†
<i>Disturbi vaskulari</i>	
mhux komuni	Pressjoni għolja
rari	Kriżi ta' pressjoni għolja* Trombożi fl-arterji**† Trombożi fil-vini**† Trombożi*† Tromboemboliżmu fil-vini
<i>Disturbi respiratorji, toraċi u medjastinali</i>	
rari	Trombożi (fl-arterja) tal-pulmun*† Emboliżmu fil-pulmun†
<i>Disturbi gastrointestinali</i>	
komuni ħafna	Nawsja
komuni	Ugħigh fl-addome Rimettar Dijarea Nefħa fl-addome
rari	Kolite*
<i>Disturbi fil-fwied u fil-marrara</i>	
rari	Koleċistite Kolelitjażi† Leżjoni epatika* Suffeġra kolestatika*† Kolestażi*†
<i>Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda</i>	
komuni	Akne Raxx Ħakk Reazzjoni fil-ġilda Irritazzjoni fil-ġilda
mhux komuni	Alopeċja Dermatite allerġika Ekżema Reazzjoni ta' sensittività għad-dawl Dermatite tal-kuntatt Urtikarja Eritema

rari	Anġjoedima* Eritema (multiforme nodosum)* Kloasma† Raxx li jaqa' qxur qxur* Ħakk mifruq Raxx (eritematuż bil-ħakk) Dermatite tas-saborrea*
<i>Disturbi muskolu-skelettriċi u tat-tessuti konnettivi</i>	
komuni	Spażmi fil-muskoli
<i>Disturbi fis-sistema riproduttiva u fis-sider</i>	
komuni ħafna	Sensittività fis-sider
komuni	Menstrwazzjoni bl-uġiġħ Fsada mill-vaġina u disturbi fil-menstrwazzjoni**† Spażmu tal-utru Disturbi fis-sider Tnixxija mill-vaġina
mhux komuni	Galaktorea Sindromu ta' qabel il-menstrwazzjoni Vulva u vaġina xotti
rari	Displasja taċ-ċerviċi* Trażżin ta' treddiġħ* Tnixxija mill-ġenitali
<i>Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata</i>	
komuni	Telqa tal-ġisem mingħajr sinjali ta' mard Għeja kbira Reazzjonijiet fis-sit tal-applikazzjoni (eritema, irritazzjoni, ħakk, raxx)
mhux komuni	Edima ġenerali Edima periferali Reazzjonijiet fis-sit tal-applikazzjoni**
rari	Edima fil-wiċċ* Edima bl-iffosar* Nefħa Reazzjonijiet fis-sit tal-applikazzjoni* (eż., axxess, thaġfir), Edima lokalizzata*
<i>Investigazzjonijiet</i>	
komuni	Żieda fil-piż
mhux komuni	Żieda fil-pessjoni Disturbi fix-xaħam**
rari	Tnaqqis taz-zokkor fid-demm*† Zokkor fid-demm mhux normali*†

* Minn rapporti ta' wara t-tqegħid fis-suq.

** Jinkludu reazzjonijiet avversi rrapportati fi provi kliniċi u rapporti wara tqegħid fis-suq.

† Ara sezzjoni 4.4.

Rappurtar ta' reazzjonijiet avversi suspettati

Huwa importanti li jiġu rrapportati reazzjonijiet avversi suspettati wara l-awtorizzazzjoni tal-prodott mediċinali. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodott mediċinali. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa huma mitluba jirrapportaw kwalunkwe reazzjoni avversa suspettata permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f' [Appendiċi V](#).

4.9 Doża eċċessiva

Ma ġewx irrapporati effetti serji f'żiena wara inġestjoni aċċidentali ta' dożi kbar ta' kontraċettivi orali. Doża eċċessiva tista' tikkawża dardir jew rimettar. F'xi nisa tista' sseħħ fsada vaġinali. F'każi fejn tkun issuspettata li ttieħdet doża eċċessiva, is-sistemi kollha ta' kontraċezzjoni transdermali għandhom jitneħħew u għandu jingħata trattament għas-sintomi.

5. PROPRJETAJIET FARMAKOLOĠIĊI

5.1 Proprjetajiet farmakodinamiċi

Kategorija farmakoterapewtika: Ormoni sesswali u modulatori tas-sistema ġenitali, proġestoġens u estroġens, kombinazzjoni fissa; Kodiċi ATC: G03AA13

Mekkaniżmu ta' kif jaħdem

EVRA taħdem permezz tal-mekkaniżmu tat-trażżin tal-gonadotropin bl-azzjonijiet estroġeniċi u proġestazzjonali ta' ethinylestradiol u norelgestromin. Il-mekkaniżmu ta' azzjoni primarju huwa l-inibizzjoni tal-ovulazzjoni, iżda bdil fil-mukus ċervikali u fl-endometriju jista' jikkontribwixxi wkoll għall-effikaċja tal-prodott.

Effikaċja klinika u sigurtà

Indiċi Pearl (ara t-tabella):

Grupp tal-Istudju	KONT-002 EVRA	KONT-003 EVRA	KONT-003 COC*	KONT-004 EVRA	KONT-004 COC**	Suġġetti kollha li ħadu EVRA
# ta' ċikli	10 743	5 831	4 592	5 095	4 005	21 669
Indiċi Pearl Totali (95% CI)	0.73 (0.15; 1.31)	0.89 (0.02; 1.76)	0.57 (0.0; 1.35)	1.28 (0.16; 2.39)	2.27 (0.59; 3.96)	0.90 (0.44; 1.35)
Indiċi Pearl Falliment tal-Metodu (95% CI)	0.61 (0.0; 1.14)	0.67 (0.0; 1.42)	0.28 (0.0; 0.84)	1.02 (0.02; 2.02)	1.30 (0.03; 2.57)	0.72 (0.31; 1.13)

* DSG 150 mcg + 20 mcg EE

** 50 mcg LNG + 30 mcg għall-ġranet 1 – 6, 75 mcg LNG + 40 mcg EE għall-ġranet 7 – 11, 125 mcg LNG + 30 mcg EE għall-ġranet 12 – 21

Saru analiżi esploratorji biex jiddeterminaw jekk fl-istudji tal-Fażi III (n=3 319) il-karatteristiċi tal-popolazzjoni ta' età, razza u piż kinux assoċjati ma' tqala. L-analiżi ma indikat l-ebda assoċjazzjoni ta' età u razza mat-tqala. Iżda fir-rigward tal-piż, 5 sa 15-il tqala li kienu rrapportati b'EVRA seħħew fost nisa li kellhom il-linja bażi tal-piż ta' ġisimhom daqs jew aktar minn 90 kg, li kienu jagħmlu <3% tal-popolazzjoni studjata. Għal piż inqas minn 90 kg ma kien hemm l-ebda assoċjazzjoni bejn il-piż tal-ġisem u t-tqala. Għalkemm bejn 10-20% biss tal-varjabilità fit-tagħrif farmakokinetiku tista' tiġi spjegata permezz tal-piż, (ara sezzjoni 5.2) il-propozzjonijiet akbar ta' tqaliet fost nisa ta' 90 kg jew aktar, kienu statistikament sinifikanti u jindikaw li EVRA hija inqas effettiva f'dawn in-nisa.

Bl-użu ta' kontraċettivi orali kkombinati li għandhom dożi ogħla (50 mikrogramma ethinylestradiol), ir-riskju ta' kanċer tal-endometriju u tal-ovarji jitnaqqas. Jekk dan japplikax ukoll għal kontraċettivi ormonali kkombinati b'doża inqas għad irid jiġi kkonfermat.

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Assorbiment

Wara l-applikazzjoni ta' EVRA, il-livelli ta' norelgestromin u ethinylestradiol fis-serum jieqfu milli jkomplu jiżdiedu bejn wieħed u ieħor mat-48 siegħa. Il-konċentrazzjonijiet fl-istat stabbli ta' norelgestromin u EE matul ġimgħa ta' lbies tal-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda

huma bejn wieħed u ieħor ta' 0.8ng/mL u 50 pg/mL rispettivament. Fi studji b'aktar minn doża waħda, konċentrazzjonijiet tas-serum u l-AUC għal norelgestromin u EE instabu li jiżdiedu ftit biss maż-żmien meta mqabbla mal-ewwel ċiklu tal-ewwel ġimgħa.

L-assorbiment ta' norelgestromin u ethinylestradiol wara l-applikazzjoni ta' EVRA ġie studjat fil-kundizzjonijiet li tiltaqa' magħhom fi klabb tas-saħħa (sawna, whirlpool, treadmill, u eżerċizzji aerobiċi oħrajn) u f'banju b' ilma kiesaħ. Ir-risultati indikaw li għal norelgestromin ma kien hemm l-ebda effett sinifikanti tat-trattament fuq is- C_{ss} jew l-AUC meta mqabbla mal-użu normali. Għal EE, kienu osservati żidiet żgħar minħabba t-treadmill u eżerċizzju aerobiku ieħor; madankollu, il-valuri tas- C_{ss} wara dawn it-trattamenti kienu fil-marġini tar-riferenza. Ma kien hemm l-ebda effett sinifikanti bl-ilma kiesaħ f' dawn il-parametri.

Risultati minn studju ta' EVRA fejn garża kontraċettiva waħda li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda ntlisset għal 7 ijiem u 10 ijiem urew li l-livelli mixtieqa tas- C_{ss} ta' norelgestromin u ethinylestradiol inżammu waqt il-perjodu tat-3 ijiem żejda li EVRA intlibset (10 ijiem). Dawn is-sejbiet juru li l-effikaċja klinika tinżamm anke jekk bidla skedata tal-garża tinqabeż b'jumejn sħaħ.

Distribuzzjoni

Norelgestromin u norgestrel (is-sustanza fis-serum iffurmata minn norelgestromin) jeħlu ħafna (>97%) mal-proteini tas-serum. Norelgestromin jeħel mal-albumina u mhux mas-SHBG (*sex hormone binding globulin* [globulina li teħel mal-ormoni sesswali]) filwaqt li norgestrel jeħel primarjament mas-SHBG, li jillimita l-attività bioloġika tiegħu. Ethinylestradiol jeħel b' mod estensiv mal-albumina tas-serum.

Biotrasformazzjoni

Iseħħ metaboliżmu epatiku ta' norelgestromin u l-metaboliti tiegħu jinkludu norgestrel, li huwa fil-biċċa l-kbira imwaħħal mas-SHBG u metaboliti varji idroksilati u konjugati oħrajn. Ethinylestradiol jiġi wkoll immetabolizzat fi prodotti varji idroksilati u l-konjugi glukuronide u sulfati tagħhom.

Eliminazzjoni

Wara li titneħħa l-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda, il-*half-life* medja ta' eliminazzjoni ta' norelgestromin u ethinylestradiol kienu bejn wieħed u ieħor ta' 28 u 17-il siegħa rispettivament. Is-sustanzi mill-metaboliżmu ta' norelgestromin u ethinylestradiol huma eliminati permezz ta' sistemi tal-kliwi u l-ippurgar.

Kontraċettivi li jgħaddu minn ġol-ġilda versus kontraċettivi orali

Il-profilu farmakokinetiċi ta' kontraċettivi ormonali kkombinati li jgħaddu minn ġol-ġilda u daww orali huma differenti u għandu jkun hemm attenzjoni meta jsir paragun dirett ta' dawn il-parametri farmakokinetiċi (PK, *pharmacokinetic*).

Fi studju li jqabbal EVRA ma' kontraċettiv orali li fih norgestimate (il-mediċina oriġinali ta' norelgestromin) 250 mcg /ethinylestradiol 35 mcg, valuri ta' C_{max} kienu darbtejn aktar għoljin għan-NGMN u EE fis-suġġetti li ngħatalhom il-kontraċettiv orali meta mqabbel ma' EVRA, filwaqt li l-esponiment totali (l-AUC u s- C_{ss}) kien paragonabbli fis-suġġetti li ħadu trattament b'EVRA. Il-varjabbiltà bejn is-suġġetti (%CV) għall-parametri farmakokinetiċi, kienet ogħla wara li dawn ingħataw minn EVRA, meta mqabbla mal-varjabbiltà kkalkulata mill-kontraċettiv orali.

Effetti tal-eżerċizzju, il-piż tal-ġisem u l-erja tas-superfiċje tal-ġisem

L-effetti tal-eżerċizzju, il-piż tal-ġisem u l-erja tas-superfiċje tal-ġisem fuq il-farmakokinetika ta' norelgestromin u ethinylestradiol kienu evalwati f'230 mara b' saħħitha minn disa' studji farmakokinetiċi ta' applikazzjonijiet waħdanin ta' 7 ijiem ta' EVRA. Kemm għal norelgestromin kif ukoll għal ethinyl estradiol, kobor fl-eżerċizzju, u żieda fil-piż tal-ġisem u fl-erja tas-superfiċje tal-ġisem kienu assoċjati ma' tnaqqis żgħir fil-valuri tas- C_{ss} u l-AUC. Madankollu, porzjon żgħir ħafna (10-20%) tal-varjabbiltà fil-farmakokinetika ta' NGMN u EE wara l-applikazzjoni ta' EVRA, jistgħu jiġu assoċjati ma' xi waħda jew ma' kull waħda minn dawn il-parametri demografiċi msemmija hawn fuq.

5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà

Tagħrif mhux kliniku, ibbażat fuq studji konvenzjonali ta' sigurtà farmakoloġika, effett tossiku minn dożi ripetuti, effett tossiku fuq il-ġeni u riskju ta' kanċer, ma' juri l-ebda periklu speċjali għall-bniedem. Dwar ħsara fuq is-sistema riproduttiva norelgestromin wera tossiċità fuq il-fetu fil-fniek, iżda l-marġini ta' sigurtà għal dan l-effett kienu suffiċjentement għoljin. Tagħrif dwar ħsara riproduttiva għal norelgestromin flimkien ma' ethinylestradiol m'humiex disponibbli. Tagħrif dwar norgestimate (is-sustanza qabel issir norelgestromin) flimkien ma' ethinylestradiol fl-animali nisa indika nuqqas fil-fertilità u fl-effiċjenza tal-implantazzjoni (far), żieda fir-risorbiment tal-fetu (far, fenek) u b'dożi qawwija, nuqqas fil-vijabbiltà u fertilità tal-frieħ nisa (far). Ir-rilevanza ta' dan it-tagħrif għall-esponiment uman m'hijiex magħrufa minħabba li dawn l-effetti intwerew bħala relatati ma' azzjonijiet magħrufa sewwa farmakodinamiċi jew speċifiċi għall-ispeċi.

Studji li saru biex jeżaminaw l-effett ta' EVRA fuq il-ġilda wera li din is-sistema ma għandha l-ebda potenzjal li tagħmel sensibilizzazzjoni u tirriżulta biss f'irritazzjoni ħafifa meta tiġi applikata fuq il-ġilda tal-fniek.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' eċċipjenti

Is-saff ta' rinforz

saff ta' barra tal-polyethylene pigmentat ta' densità baxxa
polyester fil-parti interna.

Is-saff tan-nofs

adeżiv polyisobutylene/polybutene
crospovidone
materjal polyester mhux minsuġ
lauryl lactate.

It-tielet saff

rita ta' polyethylene tetraphthalate (PET)
kisja ta' polydimethylsiloxane.

6.2 Inkompatibiltajiet

Mhux applikabbli.

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Sentejn

6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Aħżen fil-pakkett oriġinali sabiex tilqa' mid-dawl u mill-umdità.
Tagħmlux fil-friġġ jew friża

6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Materjal tal-pakkett primarju

Il-qartas huwa magħmul minn erba' saffi: rita polyethylene ta' densità baxxa (saff ta' ġewwa nett), fojl ta' aluminju, rita polyethylene ta' densità baxxa, u saff fuq barra ta' karta ibbliċjata.

Materjal tal-pakkett sekondarju

Il-qratas huma ppakkjati f'kaxxa tal-kartun.

Kull kaxxa fiha 3, 9 jew 18-il garża ta' EVRA li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda fi qratas individwali infurrati bl-aluminju.

Il-qratas huma imgeżwrin tlieta tlieta f'rita tal-plastik trasparenti mtaqqba u ppakkjati f'kaxxa tal-kartun.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkun għall-skop kummerċjali.

6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi u għal immaniġġar ieħor

Il-garża għandha tiġi applikata immedjatement wara li jitneħħa l-qartas protettiv.

Biex tippreveni l-interferenza minħabba l-proprietajiet adeżivi ta' EVRA, ebda kremi, lozjonijiet jew terer ma għandhom jiġu applikati mal-parti tal-ġilda fejn il-garża li tipprovdi l-mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda EVRA ser titwāħħal.

Wara l-użu, il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda jkun għad-fadlilha ammont sostanzjali ta' sustanzi attivi. L-ingredjenti ormonali attivi li jibqa' fil-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda jista' jkollhom effetti ħżiena jekk jaslu fl-ambjent akwatiku. Għalhekk il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda użata għandha tintrema b'attenzjoni. It-tikketta tar-rimi fuq in-naħa ta' barra tal-qartas għandha titqaxxar biex tinfetaħ. Il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda użata għandha titpoġġa ġewwa t-tikketta miftuħa tar-rimi sabiex in-naħa li twāħħal tgħatti l-erja oskura fuq il-qartas. It-tikketta tar-rimi għandha mbagħad tingħalaq filwaqt li tisiġilla l-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda użata fuq ġewwa. Kwalunkwe prodott mediċinali mhux użat jew materjal għar-rimi għandhom jintremew kif jitolbu l-liġijiet lokali. Gareż li jipprovdu mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda użati m'għandhomx jiġu fflaxxjati fit-tojlit jew jintremew mal-ilma fis-sistema tad-drenaġġ.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Gedeon Richter Plc.

Gyömrői út 19-21.

1103 Budapest

L-Ungerija

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/02/223/001

EU/1/02/223/002

EU/1/02/223/003

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 22 ta' Awwissu 2002.

Data tal-aħħar tiġdid: 15 ta' Ġunju 2012.

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>.

ANNESS II

- A. MANIFATTUR(I) RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**
- B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU**
- C. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**
- D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFETTIV TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

A. MANIFATTUR(I) RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifattur(i) responsabbli għall-ħruġ tal-lott

Gedeon Richter Plc.
Gyömrői út 19-21.
1103 Budapest
L-Ungerija

B KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali li jingħata bir-riċetta tat-tabib.

C. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

- **Rapporti perjodiċi aġġornati dwar is-sigurtà (PSURs)**

Ir-rekwiżiti biex jiġu ppreżentati PSURs għal dan il-prodott mediċinali huma mniżżla fil-lista tad-dati ta' referenza tal-Unjoni (lista EURD) prevista skont l-Artikolu 107c(7) tad-Direttiva 2001/83/KE u kwalunkwe aġġornament sussegwenti ppubblikat fuq il-portal elettroniku Ewropew tal-mediċini.

D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFIKAĊI TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

- **Pjan tal-ġestjoni tar-riskju (RMP)**

Mhux applikabbli.

ANNESS III

TIKKETTAR U FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETAR

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA TA' BARRA

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

EVRA 203 mikrogramma /24 siegħa + 33.9 mikrogramma /24 siegħa garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda
norelgestromin/ethinylestradiol

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Garża waħda ta' 20 cm² fiha: 6 mg norelgestromin u 600 mikrogramma ethinylestradiol.

Garża waħda terħi: 203 mikrogramma norelgestromin u 33.9 mikrogramma ethinylestradiol kull 24 siegħa.

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

Is-saff ta' rinforz: polyethylene pigmentat ta' densità baxxa fis-saff ta' barra, polyester fil-parti interna.

Is-saff tan-nofs: adeżiv polyisobutylene/polybutene, crospovidone, lauryl lactate, materjal polyester mhux minsuġ.

It-tielet saff: rita ta' polyethylene terephthalate (PET), kisja ta' polydimethylsiloxane.

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

3 gareż li jipprovdu mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda
9 gareż li jipprovdu mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda
18 il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.
Użu transdermali

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' SKADENZA

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Aħżen fil-pakkett oriġinali sabiex tilqa' mid-dawl u mill-umdità.
Tagħmlux fil-friġġ jew friża.

10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Tifflaxxjax gareż użati jew mhux użati fit-tojlit. Ara l-fuljett li ssib fil-pakkett għal-istruzzjonijiet dwar rimi.

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Gedeon Richter Plc.
Gyömrői út 19-21.
1103 Budapest
L-Ungerija

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/02/223/001: 3 gareż li jipprovdu mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda
EU/1/02/223/002: 9 gareż li jipprovdu mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda
EU/1/02/223/003: 18-il garża li jipprovdu mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

Prodott mediċinali li jingħata bir-riċetta tat-tabib.

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

evra

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC:
SN:
NN:

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN TIKKETTA TAL-QARTAS
--

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

EVRA 203 mikrogramma /24 siegħa + 33.9 mikrogramma /24 siegħa garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda

norelgestromin/ethinylestradiol

2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA
--

Użu transdermali

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

3. DATA TA' SKADENZA

JIS

4. NUMRU TAL-LOTT

Lott

5. IL-KONTENUT SKONT IL-PIŻ, IL-VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI

Fih garża waħda li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda.

6. OĦRAJN

Stikers ta' tfakkir

Uża dawn l-istikers fuq il-kalendarju
biex jgħinuk tiftakar meta għandek
tibdel il-garża tiegħek.

			<i>Iċ-Ċiklu ta' bħal</i>	<i>Iċ-Ċiklu li Jmiss</i>
			<i>issa</i>	
L-Ewwel Garża (Ġimgha 1)	It-Tieni Garża (Ġimgha 2)	It-Tielet Garża (Ġimgha 3)	Nehhi l-Garża Ġib Garża Ġdida	L-Ewwel Garża

Tikketta biex teħles mill-garża

TIKKETTA BIEX TEĤLES MILL-GARŻA

Biex teħles mill-garża użata:

1. poġġi l-garża użata b'tali mod li n-naħa li teħel tgħatti l-parti oskurata
2. neħħi l-karta ta' rinforz
3. agħlaq it-tikketta li teħel u ssiġilla
4. armi mal-iskart solidu

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent

EVRA 203 mikrogramma /24 siegħa + 33.9 mikrogramma /24 siegħa garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda norelgestromin/ethinylestradiol

Affarijiet importanti li għandek tkun taf dwar kontraċettivi ormonali kombinati (CHCs):

- Dawn huma wieħed mill-metodi ta' kontraċezzjoni reversibbli li huma l-iktar affidabbli jekk jintużaw b'mod korrett.
- Iżidu ftit ir-riskju li jkollok embolu fil-vini u fl-arterji, speċjalment fl-ewwel sena jew meta terġa' tibda kontraċettiv ormonali kombinat wara waqfa ta' 4 ġimgħat jew aktar.
- Jekk jogħġbok kun allerta u ara lit-tabib tiegħek jekk taħseb li jista' jkollok sintomi ta' embolu tad-demm (ara sezzjoni 2 "Emboli tad-demm").

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek.
- Din il-mediċina għet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarji possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

F'dan il-fuljett:

1. X'inhil EVRA u għalxiex tintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża EVRA
3. Kif għandek tuża EVRA
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen EVRA
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

1. X'inhil EVRA u għalxiex tintuża

EVRA fiha żewġ tipi ta' ormoni sesswali, progestogen li jismunorelgestromin u oestrogen li jismu ethinylestradiol.

Peress illi fiha żewġ ormoni, EVRA hija msejħa 'kontraċettiv ormonali kkombinat'.

Hija tintuża biex tipprevni t-tqala fin-nisa.

2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża EVRA

Noti ġenerali

Qabel tibda tuża EVRA, għandek taqra l-informazzjoni dwar l-emboli tad-demm f'sezzjoni 2. Hu partikolarment importanti li taqra s-sezzjoni dwar is-sintomi ta' embolu tad-demm - ara sezzjoni 2 "Emboli tad-demm".

Meta m'għandekx tuża EVRA

M'għandekx tuża EVRA jekk għandek xi waħda mill-kundizzjonijiet elenkati hawn taħt. Jekk għandek xi waħda mill-kundizzjonijiet elenkati hawn taħt, trid tgħid lit-tabib tiegħek. It-tabib tiegħek se jiddiskuti miegħek dwar liema forma oħra ta' kontraċezzjoni tkun aktar adattata.

- jekk għandek (jew qatt kellek) embolu tad-demm f'xi vina ta' riġlejk (trombożi tal-vini profondi, DVT), fil-pulmun (emboliżmu pulmonari, PE) jew f'organi oħrajn;
- jekk taf li għandek disturb li jaffettwa t-tagħqid tad-demm tiegħek - pereżempju, defiċjenza ta' proteina C, defiċjenza ta' proteina S, defiċjenza ta' antithrombin-III, antikorpi ta' Fattur V Leiden jew antifosfolipidi;

- jekk ikollok bżonn ta' operazzjoni, jew jekk ma tqumx bilwieqfa għal ħin twil (ara sezzjoni 'Emboli tad-demmm');
- jekk qatt kellek xi attakk tal-qalb jew aċċessjoni;
- jekk għandek (jew qatt kellek) angina pectoris (kundizzjoni li tikkawża wġiġħ sever tas-sider u jista' jkun l-ewwel sinjal ta' attakk tal-qalb) jew attakk iskemiku temporanju TIA - sintomi temporanji ta' aċċessjoni);
- jekk għandek xi waħda mill-mard li ġej, li jista' jżid ir-riskju tiegħek ta' embolu fl-arterji:
 - dijabete severa bi ħsara f'xi vina/arterja
 - pressjoni tad-demmm għolja ħafna
 - jekk għandek livell għoli ħafna ta' xaħam fid-demmm (kolesterol jew trigliċeridi)
 - kundizzjoni magħrufa bħala iperomocisteinemia
- jekk għandek (jew qatt kellek) tip ta' emigranja msejja 'emigranja b'awra';
- jekk inti allerġiku/a għal norelgestromin, ethinylestradiol jew sustanzi oħra ta' din il-mediċina (imniżżla fis-sezzjoni 6);
- jekk qatt qalulek li jista' jkollok kanċer fis-sider jew fil-ġuf, l-għonq tal-utru jew vaġina;
- jekk qatt kellek xi tumuri fil-fwied jew marda fil-fwied minħabba li l-fwied tiegħek ma jiffunzjonax kif suppost;
- jekk għandek fsada vaġinali li ma tistax tispjegaha;
- jekk inti għandek epatite C u qed tieħu l-prodotti mediċinali li fihom ombitasvir/paritaprevir/ritonavir, dasabuvir, glecaprevir/pibrentasvir jew sofosbuvir/velpatasvir/voxilaprevir (ara wkoll f' sezzjoni "Mediċini oħra u EVRA").

Tużax din il-mediċina jekk xi wiehied minn dawn ta' hawn fuq tapplika għalik. Jekk m'intix ċerta kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek qabel ma tuża din il-mediċina.

Meta għandek toqgħod attent ħafna b'EVRA

Meta għandek tikkuntattja lit-tabib tiegħek?

Fittex għajnuna medika urġenti

- jekk tinnota sinjali possibbli ta' embolu tad-demmm li jista' jfisser li inti qed tbatni minn embolu fir-riġel (i.e. trombożi tal-vini profondi), embolu fil-pulmun (i.e. emboliżmu pulmonari), attakk tal-qalb jew aċċessjoni (ara s-sezzjoni 'Embolu tad-demmm [trombożi]' hawn taħt).

Għal deskrizzjoni tas-sintomi ta' dawn l-effetti sekondarji serji, jekk jogħġbok mur fis-sezzjoni "Kif tagħraf embolu tad-demmm".

Twissijiet u prekawzjonijiet

Qabel ma tuża din il-mediċina inti jkollok bżonn tara lit-tabib tiegħek għal evalwazzjoni medika.

Għid lit-tabib tiegħek jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tapplika għalik.

Jekk il-kundizzjoni tiżviluppa, jew tmur għall-aġħar meta tkun qed tuża EVRA, għandek tgħid ukoll lit-tabib tiegħek.

- jekk għandek il-marda ta' Crohn jew kolite ulċerattiva (mard infjammatorju kroniku tal-imsaren);
- jekk għandek lupus eritematosus sistemiku (SLE - marda li taffettwa s-sistema ta' difiża naturali tiegħek);
- jekk għandek sindrome uremiku emolitiku (HUS - disturb tat-tagħqid tad-demmm li jikkawża insuffiċjenza tal-kliewi);
- jekk għandek anemija tas-sickle cells (marda li tintiret taċ-ċelluli tad-demmm ħomor);
- jekk għandek livelli għoljin ta' xaħam fid-demmm (ipertrigliċeridemija) jew storja media pożittiva fil-familja għal din il-kundizzjoni. Ipertrigliċeridemija ġiet assoċjata ma' żieda fir-riskju li tiżviluppa pankreatite (infjammazzjoni tal-frixa);
- jekk ikollok bżonn ta' operazzjoni, jew jekk ma tqumx bilwieqfa għal ħin twil (ara f' sezzjoni 2 'Emboli fid-demmm');

- jekk għadek kemm wellidt, inti tkun f'riskju akbar ta' emboli tad-demm. Għandek tistaqsi lit-tabib tiegħek kemm żmien wara l-ħlas tkun tista' tibda tiegħu EVRA;
- Jekk għandek infjammazzjoni fil-vini taħt il-ġilda (tromboflebite superfiċjali);
- Jekk għandek vini varikużi.
- jekk tesperjenza sintomi ta' anġjoedema bħal nefħa fil-wieċ, fl-ilsien u/jew fil-gerżuma u/jew diffikultà biex tibla' jew ħorriqija, potenzjalment flimkien ma' diffikultà biex tiegħu nifs, ikkuntattja tabib immedjatament. Il-prodotti li fihom l-estroġeni jistgħu jikkawżaw jew jaggravaw is-sintomi ta' anġjoedema ereditarja u akkwiziżta.

EMBOLI TAD-DEMM

Li tuża kontraċettiv ormonali kombinat bħal EVRA iżid ir-riskju tiegħek li tiżviluppa embolu tad-demm meta mqabbel ma' meta ma tużax wieħed. F'każijiet rari, embolu tad-demm jista' jimblokka vini/arterji tad-demm u jikkawża problemi serji.

Emboli tad-demm jistgħu jiżviluppaw

- fil-vini (magħrufa bħala "trombożi vena", "tromboemboliżmu fil-vini" jew VTE)
- fl-arterji (magħrufa bħala "trombożi arterjali", "tromboemboliżmu arterjali" jew ATE).

Irkupru minn emboli tad-demm ma jkunx dejjem komplet. B'mod rari, jista' jkun hemm effetti serji fit-tul, jew, b'mod rari ħafna, jistgħu jkunu fatali.

Hu importanti li tiftakar li r-riskju ġenerali li embolu tad-demm li jkun ta' ħsara minħabba kwalunkwe EVRA hu żgħir.

KIF TAGĦRAF EMBOLU TAD-DEMM

Fittex attenzjoni medika urġenti jekk tinnota kwalunkwe mis-sinjali jew sintomi li ġejjin.

Qed ikollok xi wieħed minn dawn is-sinjali?	Minn xiex hu possibbli li qed tbat?
• nefħa f'riġel wieħed jew matul vina fir-riġel jew fis-sieq, speċjalment meta tkun akkumpanjata minn: - uġiġħ jew sensitività fir-riġel li jistgħu jinħassu biss meta tkun bilwieqfa jew timxi; - żieda fis-sħana fir-riġel affettwat; - tibdil fil-kulur tal-ġilda fuq ir-riġel, eż. il-ġilda ssir safranija, ħamra jew blu.	Trombożi tal-vini profondi
• qtugħ ta' nifs inspjegabbli jew nifs mġaġġel; • sogħla f'daqqa mingħajr kawża ovvja, li tista' ttella' d-demm magħha; • uġiġħ qawwi fis-sider li jista' jiżdied ma' teħid tan-nifs fil-fond; • mejt jew sturdament sever; • taħbit tal-qalb mġaġġel jew irregolari; • uġiġħ sever fl-istonku; Jekk m'intix ċerta, kellek lil tabib, għax xi wħud minn dawn is-sintomi bħal sogħla jew li jkollok qtugħ ta' nifs, jistgħu jitħawdu ma' kundizzjoni iktar ħafifa bħal infezzjoni fl-apparat respiratorju (eż. 'riħ komuni').	Emboliżmu pulmonari
Is-sintomi jseħħu bl-aktar mod komuni f'għajnejk waħda: • telf immedjat tal-vista jew; • il-vista tiċċajpar bla wġiġh, li tista' tavvanza għal telf tal-vista.	Trombożi fil-vini tar-retina (embolu fil-għajnejk)

• uġiġħ fis-sider, skonfort, pressjoni, toqol; • sensazzjoni ta' għafis jew tħossok mimli fis-sider, driegħ, jew taħt in-nofs tal-kustilji; • tħossok qisek mimlija, ikollok indiġestjoni jew tifga; • skonfort fil-parti ta' fuq tal-ġisem, li jinfirex għad-dahar, xedaq, gerżuma, driegħ jew stonku; • għaraq, dardir, rimettar jew sturdament; • dgħufija estrema, ansjetà, jew qtugħ ta' nifs; • taħbit tal-qalb mgħaġġel jew irregolari.	Attakk tal-qalb
• tnefnim jew dgħufija għal għarrieda fil-wieċ, driegħ jew riġel, speċjalment fuq naħa waħda tal-ġisem; • konfużjoni għal għarrieda, problemi biex titkellem jew tifhem; • problemi f'daqqa biex tara minn għajnejn waħda jew miż-żewġ għajnejn; • ikollok problemi f'daqqa biex timxi, sturdament, telf tal-bilanċ jew koordinazzjoni; • uġiġħ ta' ras sever f'daqqa jew fit-tul mingħajr ebda kawża magħrufa; • tintilef minn sensik jew iħossok ħażin bi jew mingħajr aċċessjoni. Xi kultant is-sintomi ta' aċċessjoni jistgħu ma jdumux b'irkupru kważi immedjat u komplet, iżda inti xorta għandek tfittex attenzjoni medika urġenti għax tista' tkun f'riskju ta' aċċessjoni oħra.	Aċċessjoni
• nefħa u tibdil ħafif blu fil-kulur ta' estremità; • uġiġħ sever fl-istonku (uġiġħ akun fiż-żaqq).	Emboli tad-demmi li jimblukaw vini/arterji oħrajn

EMBOLI TAD-DEMM F'VINA

X'jista' jiġri jekk jiffirma embolu tad-demmi f'vina?

- L-użu ta' kontraċettivi ormonali kombinati ma ġiex assoċjat ma' żieda fir-riskju ta' emboli tad-demmi fil-vina (trombożi fil-vini). Madankollu, dawn l-effetti sekondarji huma rari. L-iktar ta' spiss, dawn issejtni fl-ewwel sena tal-użu ta' kontraċettivi ormonali kombinati.
- Jekk jiffirma embolu tad-demmi fil-vina fir-riġel jew fis-sieq tista' tikkawża trombożi profonda tal-vini (DVT).
- Jekk embolu jivvjaġġa mir-riġel u jeħel fil-pulmun, jista' jikkawża emboliżmu pulmonari.
- B'mod rari ħafna, embolu jista' jiffirma f'vina f'organu ieħor bħall-għajnejn (trombożi fil-vini tar-retina).

Meta hu l-ogħla r-riskju li tiżviluppa embolu tad-demmi f'vina?

Ir-riskju li tiżviluppa embolu tad-demmi f'vina hu l-ogħla matul l-ewwel sena li tkun tiegħi kontraċettivi ormonali kombinati għall-ewwel darba. Ir-riskju jista' wkoll ikun ogħla jekk terġa' tibda tiegħi kontraċettivi ormonali kombinati (l-istess prodott jew prodott differenti) wara waqfa ta' 4 ġimgħat jew aktar.

Wara l-ewwel sena, ir-riskju jsir iżgħar iżda jkun dejjem ftit ogħla milli kieku inti ma tkunx tuża kontraċettivi ormonali kombinati.

Meta tiegħi EVRA ir-riskju tiegħek ta' embolu tad-demmi jerġa' lura għan-normal fi żmien ftit ġimgħat.

X'inhu r-riskju li tiżviluppa embolu tad-demmi?

Ir-riskju jiddependi fuq ir-riskju naturali tiegħek ta' VTE u t-tip ta' kontraċettivi ormonali kombinati li tkun qed tiegħi.

Ir-riskju ġenerali ta' embolu tad-demmi fir-riġel jew fil-pulmun (DVT jew PE) b'EVRA hu żgħir.

- Minn 10,000 mara mhumiex qed jużaw l-ebda kontraċettiv ormonali kombinat u li mhumiex tqal, madwar 2 se jiżviluppaw embolu tad-demmi f'sena
- Minn 10,000 mara li qed jużaw kontraċettiv ormonali kombinat li fih levonorgestrel, norethisterone, jew norgestimate, madwar 5-7 se jiżviluppaw embolu tad-demmi f'sena.
- Minn 10,000 mara li qed jużaw kontraċettiv ormonali kombinat li fih etonorgestrel jew norelgestromin bħal EVRA bejn madwar 6 u 12-il mara se jiżviluppaw embolu tad-demmi f'sena.
- Ir-riskju li jkollok embolu tad-demmi se jvarja skont l-istorja medika personali tiegħek (ara "Fatturi li jżidu r-riskju tiegħek ta' embolu tad-demmi" hawn taħt).

	Riskju li jiżviluppa embolu f'sena
Nisa li mhumiex qed jużaw pillola/garża/ċirku ormonali kombinati u li mhumiex tqal	Madwar 2 minn kull 10 000 mara
Nisa li qed jużaw pillola kontraċettiva ormonali kombinata li fiha levonorgestrel, norethisterone jew norgestimate	Madwar 5-7 minn kull 10 000 mara
Nisa li qed jużaw EVRA	Madwar 6-12 minn kull 10 000 mara

Fatturi li jżidu r-riskju tiegħek ta' embolu tad-demmi f'vina

Ir-riskju ta' embolu tad-demmi b'EVRA hu żgħir, iżda xi kundizzjonijiet se jżidu r-riskju. Ir-riskju tiegħek hu oġġet:

- jekk għandek ħafna piż żejjed (indiċi tal-massa tal-ġisem jew BMI ta' iktar minn 30 kg/m²);
- jekk xi ħadd mill-qraba tiegħek xi darba kellu embolu tad-demmi fir-riġel, fil-pulmun jew f'xi organu ieħor f'età żagħżuġha (eż. taħt l-età ta' madwar 50 sena). F'dan il-każ, jista' jkollok disturb ereditarju tat-tagħqid tad-demmi;
- jekk ikollok bżonn tagħmel operazzjoni, jew jekk ma tkunx tista' tqum bilwieqfa għal żmien twil minħabba xi korriment jew mard, jew għandek riġlek fil-ġibs. L-użu ta' EVRA jista' jkollu jeħtieġ li jitwaqqaf diversi ġimgħat qabel l-operazzjoni jew waqt li inti ma tkunx tista' tiċċaqtaq bħas-soltu. Jekk ikollok bżonn twaqqaf EVRA, staqsi lit-tabib tiegħek meta tkun tista' terġa' tibda tużah;
- mal-mogħdija tas-snin (partikularment jekk ikollok iktar minn 35 sena);
- jekk tkun wellidit inqas minn ftit ġimgħat ilu.

Ir-riskju li tiżviluppa embolu tad-demmi jiżdied aktar ma jkollok kundizzjonijiet.

L-ivvjaġġar bl-ajru (>4 sigħat) jista' temporanjament iżid ir-riskju tiegħek ta' embolu tad-demmi, b'mod partikulari jekk ikollok xi wħud mill-fatturi l-oħra elenkati.

Hu importanti li tgħid lit-tabib tiegħek jekk kwalunkwe minn dawn il-kundizzjonijiet japplikaw għalik, anki jekk ma tkunx ċerta. It-tabib tiegħek jista' jiddeċiedi li EVRA jeħtieġ li jitwaqqaf.

Jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet t'hawn fuq tinbidel waqt li tkun qed tuża EVRA, pereżempju, xi membru tal-familja ikollu trombożi għall-ebda raġuni magħrufa, jew jekk iżżid ħafna fil-piż, għid lit-tabib tiegħek.

EMBOLI TAD-DEMM F'ARTERJA

X'jista' jġri jekk jifforma embolu tad-demmi f'arterja?

Bħal embolu tad-demmi ġo vina, embolu f'arterja jista' jikkawża problemi serji. Pereżempju, jista' tikkawża attakk tal-qalb jew aċċessjoni.

Fatturi li jżidu r-riskju tiegħek ta' embolu tad-demmi f'arterja

Hu importanti li tinnota li r-riskju ta' attakk tal-qalb jew aċċessjoni billi tuża EVRA hu żgħir ħafna iżda jista' jiżdied:

- ma żieda fl-età (wara madwar 35 sena);

- **jekk tpejjep.** Meta tuża kontraċettiv ormonali kombinat bħal EVRA inti avżata biex tieqaf tpejjep. Jekk m'intix kapaċi tieqaf tpejjep u għandek iktar minn 35 sena, it-tabib tiegħek jista' jagħtik parir biex tuża tip differenti ta' kontraċettiv;
- jekk għandek piż żejjed;
- jekk għandek pressjoni għolja tad-demm;
- jekk membru tal-familja immedjata tiegħek kellu attakk tal-qalb jew aċċessjoni ta' età żgħira (inqas minn madwar 50 sena). F'dan il-każ inti wkoll jista' jkollok riskju ogħla li jkollok attakk tal-qalb jew aċċessjoni;
- jekk inti, jew xi ħadd fil-familja immedjata tiegħek, għandkom livell għoli ta' xaħam fid-demm (kolesterol jew trigliċeridi);
- jekk għandek attakki ta' migranja, speċjalment migranja b'awra;
- jekk għandek xi problema f'qalbek (disturb fil-valvoli, disturb fir-ritmu ta' taħbit tal-qalb li jissejjaħ fibrillazzjoni atrijsjali);
- jekk għandek id-dijabete.

Jekk għandek iktar minn waħda minn dawn il-kundizzjonijiet jew jekk kwalunkwe waħda minnhom tkun partikularment severa, ir-riskju li tiżviluppa embolu tad-demm jista' jiżdied aktar milli diġà hu.

Jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet t'hawn fuq tinbidel waqt li tkun qed tuża EVRA, pereżempju, tibda tpejjep, xi membru tal-familja ikollu trombożi għall-ebda raġuni magħrufa, jew jekk iżżid ħafna fil-piż, għid lit-tabib tiegħek.

Disturbi psikjatriċi

Xi nisa li jużaw kontraċettivi ormonali, inkluż EVRA irrappurtaw depressjoni jew burdata depressa. Id-depressjoni tista' tkun serja u xi drabi tista' twassal għal ħsibijiet ta' suwiċidju. Jekk tesperjenza bidliet fil-burdata u sintomi depressivi, ikkuntattja lit-tabib tiegħek minnufih biex tirċievi parir mediku addizzjonali.

Minbarra hekk, tkellem mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek qabel ma tuża EVRA jekk xi punt minn dawn li ġejjin japplika għalik jew jekk dan iseħħ jew jiggrava waqt li tuża EVRA:

- Jekk taħseb li tista' tkun tqila;
- Għandek episodji ta' uġiġħ ta' ras li jiggravaw jew jiġru iktar ta' spiss
- Tiżen 90 kg (li huwa 14 stone 2lb) jew iżjed;
- Għandek pressjoni għolja jew il-pessjoni tad-demm tiegħek togħla;
- Għandek mard fil-marrara inkluż ġebba fil-marrara jew infjammazzjoni tal-marrara;
- Għandek problema fid-demm imsejħa porfirja;
- Għandek problema fis-sistema nervuża li tinvolvi moviment tal-ġisem f'daqqa imsejħa 'korea ta' Sydenham';
- Għandek raxx fil-ġilda bl-infafet waqt it-tqala (imsejħa 'herpes gestationis');
- Għandek telf fis-smiġħ;
- Għandek id-dijabete;
- Għandek dipressjoni;
- Għandek epilessija jew problemi oħrajn li jistgħu jikkawżaw puplesija (konvulżjonijiet);
- Għandek problemi fil-fwied inkluż sfurija fil-ġilda u fl-abjad tal-ġajnejn (suffejra);
- Għandek jew qatt kellek ponot tat-tqala 'pregnancy spots'. Dawn huma rqajja jew ponot kannella fl-isfar, speċjalment fuq il-wiċċ (imsejħa 'kloasma'). Jista' jkun illi dawn il-ponot ma jmorrux kompletament, anke wara li tieqaf tuża EVRA. Għandek tipproteġi l-ġilda mid-dawl tax-xemx jew mir-radjazzjonijiet ultravjoletti. Dan jista' jgħinek biex timpedixxi milli jkollok dawn il-ponot jew biex timpedixxi li jiggravaw.
- Għandek problemi fil-kliewi.

Jekk m'intix ċerta dwar il-fatt jekk xi waħda minn dawn ta' hawn fuq tapplikax għalik, kellek lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek qabel ma tuża EVRA.

Mard trasmess sesswalment

Din il-mediċina ma tipproteggix kontra l-infezzjoni HIV (AIDS) jew xi mard ieħor trasmess sesswalment. Dawn jinkludu klamidja, erpete ġenitali, felul ġenitali, gonorrhea, epatite B, sifilide. Dejjem uża kondom sabiex tipproteġi ruħek minn dan il-mard.

Eżamijiet mediċi

- Jekk trid tagħmel test tad-demem jew tal-awrina, għid lit-tabib jew lill-persuna fil-laboratorju li qed tuża EVRA, għaliex il-kontraċettivi ormonali jistgħu jaffettwaw ir-riżultati ta' xi testijiet.

Tfal u adolexxenti

EVRA ma ġietx studjata fit-tfal u l-adolexxenti taħt it-18 il-sena. EVRA m'għandiex tintuża minn tfal u adolexxenti li għad ma kellhomx l-ewwel perjodu menstrwali tagħhom.

Mediċini oħra u EVRA

Għarraf lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qed tieħu, haadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċini oħra.

Tużax EVRA jekk inti għandek Epatite Ċ u qed tieħu l-prodotti mediċinali li fihom ombitasvir/paritaprevir/ritonavir, dasabuvir, glecaprevir/pibrentasvir jew sofosbuvir/velpatasvir/voxilaprevir minħabba li dawn il-prodotti jistgħu jikkawżaw żieda fir-riżultati tat-testijiet tad-demem tal-fwied (żieda fl-enzima ALT tal-fwied). It-tabib tiegħek se jordnalek tip ta' kontraċettiv ieħor qabel il-bidu tat-trattament b'dawn il-prodotti mediċinali. EVRA jista' jinbeda mill-ġdid madwar ġimagħtejn wara li jitlesta dan it-trattament. Ara s-sezzjoni "Meta m'għandekx tuża EVRA".

Ċerti mediċini u kuri magħmula mill-ħxejjex jistgħu jwaqqfu EVRA milli taħdem kif suppost. Jekk iseħħ dan inti tista' tinqabad tqila, jew tista' tara demem mhux mistenni.

Dawn jinkludu mediċini li jintużaw għat-trattament ta':

- ċerti mediċini antiretrovirali użati għat-trattament tal-HIV/AIDS u infezzjonijiet bil-virus tal-Epatite C (hekk imsejħa inibituri tal-protease u inibituri tar-reverse transcriptase mhux nucleoside bħal ritonavir, nevirapine, efavirenz)
- mediċini għall-infezzjoni (bħal rifampicin u griseofulvin)
- mediċini kontra l-aċċessjonijiet (bħal barbiturates, topiramate, phenytoin, carbamazepine, primidone, oxcarbazepine, u felbamate)
- bosentan (mediċina għall-pressjoni għolja fil-vini u l-arterji tal-pulmun)
- St. John's wort (terapija magħmula mill-ħxejjex li tintuża għad-dipressjoni)

Jekk qed tuża xi waħda minn dawn il-mediċini jista' jkollok bżonn tuża metodu ieħor kontra t-tqala (bħal kondom, dijaframma jew ragħwa). L-effett ta' interferenza ta' xi wħud minn dawn il-mediċini jista' jibqa' għat-28 ġurnata wara li tieqaf toħodhom. Kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek biex tuża metodu ieħor kontra t-tqala jekk tuża EVRA flimkien ma' kwalunkwe mediċina msemmija hawn fuq.

EVRA tista' wkoll iġġiegħel mediċini oħra sabiex ikunu inqas effettivi, bħal:

- mediċini li fihom ciclosporin
- lamotrigine li tintuża kontra l-epilessija [Dan jista' jżid ir-riskju ta' aċċessjonijiet (attakki)].

Jista' jkun illi t-tabib tiegħek jkollu bżonn jaġġusta d-doża tal-mediċina l-oħra.

Staqs li tabib jew lill-ispiżjar tiegħek għal parir qabel ma tieħu xi mediċina.

Tqala u treddigħ

- Tużax din il-mediċina jekk inti tqila jew jekk taħseb li tista' tkun tqila.
- Waqqaf din il-mediċina immedjatament jekk toħroġ tqila.
- Tużax din il-mediċina jekk qed tredda' jew qed taħseb biex tredda'.

Jekk inti taħseb illi tista' tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, staqs li tabib jew spiżjar tiegħek għal parir qabel ma tieħu din il-mediċina.

Sewqan u tħaddim ta' magni

Tista' ssuq jew tħaddem magni waqt li tkun qed tuża din il-mediċina.

Riskji fl-użu ta' kontraċettivi ormonali kkombinati

L-informazzjoni li ġejja hija bbażata fuq informazzjoni dwar pilloli kkombinati għall-kontroll tat-twelid. Peress illi l-garża li tgħaddi l-mediċina minn ġol-ġilda EVRA fiha ormoni simili għal dawg użati fil-pilloli kkombinati għall-kontroll tat-twelid, huwa probabbli li għandhom l-istess riskji. Il-pilloli kollha kkombinati għall-kontroll tat-twelid fihom ir-riskji, li jistgħu jwasslu għal diżabilità jew mewt.

Ma ntweriex illi garża li tgħaddi l-mediċina minn ġol-ġilda bħal EVRA hija iktar sikura minn pillola kkombinata għall-kontroll tat-twelid li tittieħed mill-ħalq.

Kontraċettivi ormonali kkombinati u l-kanċer

Kanċer ċervikali

Kanċer ċervikali ukoll deher iktar frekwenti f'nisa li jieħdu kontraċettivi ormonali kkombinati. Iżda dan jista' jkun minħabba kawżi oħrajn li jinkludu mard trasmess sesswalment.

Kanċer tas-sider

Kanċer tas-sider instab iktar ta' spiss f'nisa li jieħdu kontraċettivi ormonali kkombinati. Iżda huwa possibbli li l-kontraċettiv ormonali kkombinat mhuwiex il-kawża li iktar nisa jkollhom kanċer tas-sider. Jista' jkun illi n-nisa li jieħdu kontraċettiv ormonali kkombinat jiġu invistati iktar ta' spiss. Dan jista' jfisser li hemm possibbiltà ikbar illi l-kanċer tas-sider jiġi nnotat. Iż-żieda fir-riskju tonqos b'mod gradwali wara li jitwaqqaf il-kontraċettiv ormonali kkombinat. Wara 10 snin, ir-riskju huwa l-istess bħal dak ta' nies li qatt ma użaw kontraċettiv ormonali kkombinat.

Kanċer tal-fwied

F'każijiet rari, tumuri fil-fwied li ma humiex kanċer instabu f'nisa li jieħdu kontraċettivi ormonali kkombinati. Anke iżjed rari, instabu tumuri fil-fwied li huma kanċer. Dan jista' jikkawża dmiġja fil-ġisem b'uġiġħ qawwi ħafna madwar l-istonku. **Jekk dan iseħħ lilek, kellem lit-tabib tiegħek immedjatament.**

3. Kif għandek tuża EVRA

Dejjem għandek tuża din il-mediċina eżatt kif qallek it-tabib jew l-ispiżjar tiegħek.

- Jekk ma tagħmilx hekk, inti tista' żżid ir-riskju li tinqabad tqila.
- Ivverifika mat-tabib jew mal-ispiżjar jekk m'intix ċerta.
- Dejjem żomm kontraċettivi mhux ormonali (bħal condoms, ragħwa jew sponża) bħala rinforz f'każ ta' żbalji meta tuża l-garża.

Kemm-il garża għandek tuża

- Ġimġha 1, 2 u 3: Poġġi garża waħda u ħalliha mwaħħla għal eżattament sebat ijiem.
- Ġimġha 4: **Tpoġġix** garża din il-ġimġha

Jekk ma użajtx kontraċettiv ormonali waqt iċ-ċiklu ta' qabel

- Tista' tibda din il-mediċina fl-ewwel ġurnata taċ-ċiklu tiegħek li jmiss.
- Jekk għaddew ġurnata jew iktar mill-bidu taċ-ċiklu tiegħek, kellem lit-tabib tiegħek jekk għandekx tuża kontraċettiv li mhux ormonali temporanjament.

Jekk taqleb mill-pillola orali ta' kontraċezzjoni għal EVRA

Jekk se taqleb minn pillola orali ta' kontraċezzjoni għal din il-mediċina:

- Stenna sakemm ikollok l-ewwel mestrwazzjoni.
- Applika l-ewwel garża tiegħek waqt l-ewwel 24 siegħa tal-mestrwazzjoni.

Jekk il-garża tiġi applikata wara l-ewwel ġurnata tal-mestruwazzjoni inti għandek:

- Tuża kontraċettiv mhux ormonali sat-8 ġurnata meta tibdel il-garża.

Jekk ma jkollokx mestruwazzjoni fi żmien ħamest ijiem minn meta tieħu l-aħħar pillola kontraċettiva, iivverifika mat-tabib tiegħek qabel tibda din il-mediċina.

Jekk taqleb mill-pillola li fiha proġestoġen biss, impjant jew mediċina injettabbli għal EVRA

- Tista' tibda din il-mediċina fi kwalunkwe ġurnata wara li twaqqaf il-pillola li fiha proġestoġen biss jew fl-istess ġurnata ta' tneħħija ta' impjant jew meta jmissek l-injezzjoni li jmiss.
- L-ewwel ġurnata wara li twaqqaf il-pillola li fiha proġestoġen biss, wara t-twaqqif tal-impjant jew meta jmissek l-injezzjoni li jmiss, applika l-garża.
- Inti għandek tuża metodu ta' kontraċezzjoni mhux ormonali sat-8 Ġurnata, meta imbagħad tibdel il-garża.

Wara korriment jew abort qabel 20 ġimgħa ta' tqala

- Kellem lit-tabib tiegħek.
- Tista' tibda din il-mediċina issa stess.

Jekk għaddew ġurnata jew iktar mill-korriment jew abort tiegħek meta tibda din il-mediċina, kellem lit-tabib tiegħek jekk għandekx tuża kontraċettiv li mhux ormonali temporanjament.

Wara korriment jew abort wara 20 ġimgħa ta' tqala

- Kellem lit-tabib tiegħek.

Tista' tibda din il-mediċina f'jum 21 wara l-abort jew korriment, jew fl-ewwel ġurnata tal-perjodu tiegħek li jmiss, kwalunkwe jiġi l-ewwel.

Wara l-ħlas

- Kellem lit-tabib tiegħek.
- Jekk inti kellek tarbija u m'intiex qed tredda', m'għandekx tibda din il-mediċina qabel 4 ġimgħat wara l-ħlas.
- Jekk inti tibda iktar minn 4 ġimgħat wara l-ħlas, uża kontraċettiv mhux ormonali ieħor flimkien ma' din il-mediċina għall-ewwel 7 t'ijiem.

Jekk inti għamilt is-sess mill-ħlas tat-tarbija l'hawn, stenna li jiġi l-ewwel perjodu jew ara lit-tabib biex jiżgura li m'intiex tqila qabel ma tibda din il-mediċina.

Jekk qed tredda'


- Kellem lit-tabib tiegħek.
- Tużax din il-mediċina jekk qed tredda' jew qed tippjana li tredda' (ara wkoll sezzjoni 2 Tqala u treddigħ).

Informazzjoni importanti li għandek issegwi meta tpoġġi garża

- Ibdel EVRA fl-istess ġurnata ta' kull ġimgħa. Din hija magħmula biex taħdem fuq sebat ijiem.
- Qatt tgħaddi mingħajr garża għal aktar minn sebat ijiem wara xulxin.
- Ilbes garża waħda biss kull darba.
- M'għandekx taqta' jew tbaġħbas il-garża b'kwalunkwe mod.
- Evita li tapplika l-garża fuq ġilda li tkun ħamra, irritata jew maqsuma.
- Sabiex taħdem sewwa, il-garża għandha tkun imqabbda sewwa mal-ġilda.
- Aghfas il-garża 'l isfel sewwa sakemm it-truf jehlu sewwa.
- Tużax kremi, żjut, lozjonijiet, terer jew irtokki fuq il-ġilda fejn se tpoġġi l-garża jew qrib il-garża li inti tkun liebsa. Dan jista' jwassal sabiex il-garża ma tibqax imwahnha sew.
- Tpoġġix garża ġdida fuq l-istess parti tal-ġilda fejn kien hemm il-garża li għadek kemm neħħejt. Jekk tagħmel hekk inti għandek aktar ċans tikkawża irritazzjoni.
- Içčekkja kuljum biex tiżgura li l-garża ma waqatx.


- Kompli uża l-gareż anke jekk ma jkollokx rapporti sesswali b'mod frekwenti ħafna.

Kif tuża l-garża




Jekk din hija l-ewwel darba li qed tuża EVRA, stenna sal-ġurnata fejn ikollok mestrwazzjoni.

- Applika l-ewwel garża fl-ewwel 24 siegħa tal-ġurnata tal-mestrwazzjoni.
- Jekk il-garża tiġi applikata wara l-ewwel ġurnata tal-mestrwazzjoni tiegħek inti għandek tuża kontraċettiv mhux ormonali sat-8 Ġurnata meta tibdel il-garża.
- **Il-ġurnata li fiha tapplika l-ewwel garża se tkun l-1 Ġurnata. Il-‘Ġurnata tal-Bdil tal-Garża’ se tkun f’din il-ġurnata kull ġimgħa.**




Agħżel parti f’ġismek fuq fejn se tpoġġi l-garża.

- Dejjem applika l-garża fuq ġilda nadifa, xotta u mingħajr pil.
- Applikaha fuq il-warrani, l-addome, fuq in-naħa ta’ barra tal-parti ta’ fuq tad-driegħ jew fil-parti ta’ fuq tad-dahar – postijiet fejn mhijiex sejra tħokk ma’ hwejjegħ issikkati.
- **Qatt ma għandek tapplika l-garża fuq is-sider.**




B’subgħajk iftaħ il-qartas tal-fojl.

- Iftħu billi tqattgħu mix-xifer (tużax imqass)
- Aqbad sewwa kantuniera waħda tal-garża u oħroġha bil-mod mill-qartas tal-fojl
- Hemm rita trasparenti, protettiva fuq il-garża
- **Xi drabi l-gareż jistgħu jeħlu man-naħa ta’ ġewwa tal-qartas – oqgħod attenta biex, ma tneħħix ir-rita trasparenti bi żball waqt li qed tneħħi l-garża**
- Imbagħad, qaxxar nofs ir-rita trasparenti protettiva (ara l-istampa)
- Evita li tmiss il-wieċ li jwahr.




Poġġi l-garża fuq il-ġilda.

- Imbagħad neħħi n-nofs l-ieħor tar-rita
- Agħfas l-isfel b’mud sod fuq il-garża bil-pala tal-id għal 10 sekondi
- Żgura ruħek li t-truf jeħlu sewwa.



Ilbes il-garża għal 7 ijiem (ġimgħa).


- Fl-ewwel ‘Ġurnata tal-Bdil tal-Garża’, jiġifieri t-8 Ġurnata, neħħi l-garża użata
- Applika garża ġdida immedjatament.



- Fil-15-il Ġurnata (Ġimgħa 3), neħħi l-garża użata
- Applika garża ġdida


Dan jagħmel total ta' tlett ġimgħat bil-gareż.

Biex tevita irritazzjoni, tapplikax il-garża l-ġdida fl-istess parti tal-ġilda eżatt fejn kienet il-garża l-oħra.



Tilbisx garża fir-4 Ġimgħa (mit-22 Ġurnata sat-28 Ġurnata).

- **Inti għandu jkollok mestrwazzjoni matul dan iż-żmien.**
- Waqt din il-ġimgħa inti tkun protetta mit-tqala biss jekk tibda l-garża li jmiss fil-ħin.



Għaċ-ċiklu ta' erba' ġimgħat li jmiss.

- Applika garża ġdida fil-‘Ġurnata tal-Bdil tal-Garża’ tiegħek tas-soltu, il-ġurnata wara t-28 Ġurnata
- **Għamel dan tkun xi tkun il-ġurnata meta bdiet jew spiċċat il-mestrwazzjoni.**

Jekk trid tibdel il-‘Ġurnata tal-Bdil tal-Garża’ għal ġurnata differenti tal-ġimgħa kellem lit-tabib tiegħek. Ikollok bżonn tkompli ċ-ċiklu kurrenti u tneħħi t-tielet garża fil-ġurnata t-tajba. Waqt ir-raba' ġimgħa, tista' tagħżel Ġurnata tal-Bdil tal-Garża ġdida u twaħħal l-ewwel garża f'dik il-ġurnata. Qatt m'għandek tagħmel iktar minn sebat ijiem wara xulxin mingħajr ma tilbes garża.

Jekk inti trid tittardja l-perjodu tiegħek, waħħal garża fil-bidu ta' ġimgħa 4 (Ġurnata 22) minflok ma twaħħal il-garża fil-Ġimgħa 4. Jista' jkollok fsada li tippenetra ċ-ċiklu jew fsada ħafifa ħafna. Twaħħalx iktar minn 6 garżi (allura mhux iktar minn 6 ġimgħat) wara xulxin. Meta tkun waħħalt 6 garżi wara xulxin (allura għal 6 ġimgħat konsekutivi), twaħħalx garża f'ġimgħa 7. Wara 7 t'jiem mingħajr ma twaħħal garża, waħħal garża ġdida u erga ibda ċ-ċiklu u uża din bħala l-ewwel ġurnata. Kellem it-tabib tiegħek qabel ma tiddeċidi illi tittardja l-perjodu tiegħek.

Attivitajiet ta' kuljum waqt l-użu tal-gareż

- Attivitajiet normali bħal ħasil fil-banju jew taħt id-doċċa, użu tas-sawna u l-eżerċizzju m'għandhomx jaffettwaw kemm taħdem tajjeb il-garża.
- Il-garża hija ddisinjata biex tibqa' fil-post waqt dawn it-tip ta' attivitajiet.
- Madankollu, huwa rrakkomandat li tiċċekkja jekk il-garża waqatx wara li tagħmel dawn l-attivitajiet.

Jekk għandek bżonn tapplika l-garża fuq parti ġdida tal-ġisem f'ġurnata differenti mill-‘Ġurnata tal-Bdil tal-Garża’

Jekk il-garża tikkawżalek irritazzjoni jew jekk tħossok skomda biha:

- Tista' tneħħiha u tissostitwiha b'garża ġdida f'post differenti fil-ġisem sal-‘Ġurnata tal-Bdil tal-Garża’ li jmiss
- Uża garża waħda biss kull darba.

Jekk għandek problema biex tiftakar tibdel il-garża

- Kellem lit-tabib, spiżjar jew infermier tiegħek. Hu/hi jista'/tista' tara kif tagħmel il-bdil tal-garża eħfef għalik. Hu/hi jista'/tista' jkellmek/tkellmek dwar jekk għandekx bżonn tuża metodu ieħor ta' kontraċezzjoni.

Jekk il-garża ma tibqax imwahnha sewwa, tinqala' minn mat-truf jew taqa'

Għal inqas minn ġurnata waħda (sa 24 siegħa):

- ipprova erġa' applikaha jew applika garża ġdida immedjatement.
- L-ebda kontraċezzjoni ta' sostenn ma hija meħtieġa.
- "Il-Ġurnata tal-Bdil tal-Garża" tiegħek għandha tibqa' l-istess.
- Tippruvax terġa' tapplika l-garża jekk:
 - M'għadhiex twaħħal
 - jekk weħlet magħha stess jew ma' xi wiċċ ieħor
 - jekk fiha xi materjal ieħor imwahnha magħha
 - jekk hija t-tieni darba li mhux qed teħel sewwa jew diġà kienet inqalgħet.
- Tużax tejp jew tgeżwir biex iżżomm il-garża f'postha.
- Jekk ma tistax terġa' tapplika l-garża, applika garża oħra immedjatement.

Għal aktar minn ġurnata waħda (24 siegħa jew aktar) jew jekk m'intix ċerta għal kemm tul ta' żmien:

- Ibda ċiklu ieħor ta' erba' ġimgħat immedjatement billi tpoġġi garża ġdida.
- Issa inti għandek l-1 Ġurnata ġdida u 'Ġurnata tal-Bdil tal-Garża' ġdida.
- Inti għandek tuża metodu ta' kontraċezzjoni mhux ormonali bħala rinforz għall-ewwel ġimgħa taċ-ċiklu l-ġdid tiegħek.

Tista' tinqabad tqila jekk ma ssegwix dawn l-istruzzjonijiet sewwa.

Jekk tinsa tibdel il-garża

Fil-bidu ta' kwalunkwe ċiklu tal-garża (L-1 Ġimgħa (L-1 Ġurnata)):

Jekk tinsa' tapplika l-garża, inti tista' tkun tinsab f'riskju partikolarment għoli li tinqabad tqila.

- Inti għandek tuża kontraċezzjoni mhux ormonali bħala sostenn għal ġimgħa.
- Applika l-ewwel garża taċ-ċiklu l-ġdid malli tiftakar.
- Issa għandek 'Ġurnata tal-Bdil tal-Garża' ġdida u 'L-1 Ġurnata' ġdida.

Fin-nofs taċ-ċiklu tal-garża (it-2 Ġimgħa jew it-3 Ġimgħa):

Jekk tinsa tibdel il-garża għal ġurnata waħda jew tnejn (sa 48 siegħa):

- Għandek tapplika garża ġdida malli tiftakar.
- Applika l-garża li jmiss fil-'Ġurnata tal-Bdil tal-Garża' normali.

Ma hemmx bżonn ta' kontraċezzjoni ta' rinforz.

Għal iktar minn jumejn (48 siegħa jew aktar):

- Jekk tinsa tibdel il-garża għal iktar minn jumejn, inti tista' tinqabad tqila.
- Inti trid tibda ċiklu ġdid ta' erba' ġimgħat malli tiftakar billi tpoġġi garża ġdida.
- Issa għandek 'Ġurnata tal-Bdil tal-Garża' differenti u l-1 Ġurnata ġdida.
- Inti għandek tuża kontraċezzjoni ta' rinforz għall-ewwel ġimgħa taċ-ċiklu l-ġdid.

Fl-aħħar taċ-ċiklu tal-garża (ir-4 Ġimgħa):

Jekk tinsa tneħħi l-garża:

- Neħħiha malli tiftakar.
- Ibda ċ-ċiklu li jmiss fil-'Ġurnata tal-Bdil tal-Garża' normali, fil-ġurnata wara t-28 Ġurnata.

Ma hemmx bżonn ta' kontraċezzjoni ta' sostenn.

Jekk ikollok nuqqas jew irregolarità ta' dmija b'EVRA

Din il-mediċina tista' tikkawża fsada jew tbajja' vaġinali mhux mistennija fil-ġimgħat meta tkun liebsa l-garża.

- Issoltu dan jiekaf wara l-ewwel ftit ċikli.
- Żbalji fl-użu tal-garżi wkoll jistgħu jikkawżaw tbajja' jew fsada ħafifa.

- Kompli uża din il-mediċina u jekk il-fsada jkompli għal iktar minn l-ewwel tliet ċikli, kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Jekk ma jkollokx mestrwazzjoni fil-ġimgħa mingħajr garża EVRA (Ġimgħa 4), xorta waħda għandek tuża garża ġdida fil-‘Ġurnata ta’ Bdil tal-Garża’ tas-soltu.

- Jekk kont qed tuża din il-mediċina b’mod korrett u ma jkollokx mestrwazzjoni, dan mhux neċessarjament ifisser li inti tqila.
- Madankollu, jekk tiflew żewġ mestrwazzjonijiet wara xulxin, kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek peress illi tista’ tkun tqila.

Jekk tuża EVRA aktar milli suppost (iktar minn garża waħda EVRA f’ħin wieħed)

Neħħi l-gareż u kellem lit-tabib tiegħek immedjatament.

L-użu ta’ ħafna gareż jista’ jikkawża li jkollok is-segwent:

- Tħossok ma tiflaħx (tqalligħ) jew tkun ma tiflaħx (tiremetti)
- Fsada mill-vaġina.

Jekk tiegħaf tuża EVRA

Inti jista’ jkollok mestrwazzjoni irregolari, xi f’it jew l-ebda mestrwazzjoni. Dan normalment iseħħ fl-ewwel 3 xhur u speċjalment jekk il-mestrwazzjoni tiegħek ma kinitx regolari qabel ma bdejt tuża din il-mediċina.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta’ din il-mediċina, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.

4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista’ tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f’kulħadd. Jekk ikollok xi effetti sekondarji, partikularment jekk ikunu severi u persistenti, jew kwalunkwe bidla fis-saħħa tiegħek li taħseb li tista’ tkun minħabba EVRA, jekk jogħġbok kellem lit-tabib tiegħek.

Ikkuntattja tabib immedjatament jekk tesperjenza xi wieħed mis-sintomi li ġejjin ta’ anġjoedema: nefħa fil-wieċ, fl-ilsien u/jew fil-gerżuma u/jew diffikultà biex tibla’ jew ħorriqija, potenzjalment flimkien ma’ diffikultà biex tieħu nifs (ara wkoll is-sezzjoni “Twissijiet u prekawzjonijiet”). Żieda fir-riskju ta’ emboli tad-demm fil-vini tiegħek [tromboemboliżmu venuż (VTE)] jew emboli tad-demm fl-arterji tiegħek [tromboemboliżmu arterjali (ATE)] hu preżenti għan-nisa kollha li jkun qed jieħdu kontraċettivi ormonali kombinati. Għal informazzjoni aktar dettaljata dwar ir-riskji differenti mit-teħid ta’ kontraċettivi ormonali kombinati, jekk jogħġbok ara sezzjoni 2 “X’għandek tkun taf qabel tuża EVRA”.

Effetti sekondarji komuni ħafna (jistgħu jaffettwaw iktar minn mara waħda minn kull 10):

- Uġiġħ ta’ ras
- Nawsja
- Sensittività fis-sider.

Effetti sekondarji komuni (jistgħu jaffettwaw sa mara waħda minn kull 10):

- Infezzjoni tal-ħmira fil-vaġina, kultant imsejjaħ traxx
- Problemi tal-burdata bħal dipressjoni, bidla fil-burdata jew xaqlib fil-burdata, ansjetà, biki
- Sturdament
- Emigranja
- Uġiġħ ta’ stonku jew nefħa
- Rimettar jew dijarrea
- Akne, raxx fil-ġilda, ħakk fil-ġilda, jew irritazzjoni fil-ġilda
- Spażmi fil-muskoli
- Problemi fis-sider bħal uġiġħ, tkabbir jew għoqod fis-sider

- Tibdil fil-fsada tal-menstrwazzjonijiet, bugħawwieġ fl-utru, mestrwazzjonijiet bl-uġiġħ, tnixxija mill-vaġina
- Problemi fis-sit fejn il-garża kienet fuq il-ġilda bħal ħmura, irritazzjoni, ħakk jew raxx
- Tħossok għajjena jew tħossok ma tiffahx b'mod ġenerali
- Żieda fil-piż.

Effetti sekondarji mhux komuni (jistgħu jaffettwaw sa mara waħda minn kull 100):

- Reazzjoni allerġika, ħorriqija
- Nefħa minħabba ritenzjoni ta' ilma fil-ġisem
- Liveli għoljin ta' xaħam fid-demem (bħal kolesterol jew trigliċeridi)
- Problemi fl-irqad (insomnija)
- Tnaqqis ta' interess fis-sess
- Ekżema, ħmura fil-ġilda
- Produzzjoni anormali ta' ħalib tas-sider
- Sindrome ta' qabel il-mestrwazzjoni
- Nixfa vaġnali
- Problemi oħra fis-sit fejn il-garża kienet fuq il-ġilda
- Nefħa
- Pressjoni għolja jew żieda fil-pressjoni tad-demem
- Żieda fl-aptit
- Jaqa' x-xagħar
- Sensittività għax-xemx.

Effetti sekondarji rari (jistgħu jaffettwaw sa mara waħda minn kull 1,000):

- emboli perikolużi tad-demem f'vina jew arterja pereżempju:
 - f'riġel jew sieq (i.e. DVT)
 - fil-pulmun (i.e. PE)
 - attakk tal-qalb
 - aċċessjoni
 - aċċessjoni żgħira jew sintomi temporanji qishom aċċessjoni, magħrufa bħala attakk iskemiku temporanju (TIA)
 - emboli tad-demem fil-fwied, fl-istonku/imsaren, fil-kliewi jew fl-għajn.
- Iċ-ċans li jkollok embolu tad-demem jista' jkun oġġla jekk ikollok kwalunkwe kundizzjonijiet oħrajn li jżidu dan ir-riskju (Ara sezzjoni 2 għal aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet li jżidu r-riskju għal emboli tad-demem u s-sintomi ta' embolu tad-demem).
- Kanċer fis-sider, kanċer ċervikali jew kanċer fil-fwied
- Problemi fejn il-garża kienet fuq il-ġilda bħal raxx fil-ġilda bl-infafet jew ulċeri
- Tumuri mhux tal-kanċer (beninni) fis-sider jew fil-fwied
- Fibrojdi fil-ġuf (utru)
- Rabja jew tħossok frustrata
- Żieda fl-interess fis-sess
- Togħma mhux normali
- Problemi meta tilbes il-lentijiet tal-kuntatt
- Żieda qawwija f'daqqa fil-pressjoni tad-demem (kriżi ipertensiva)
- Infjammazzjoni tal-marrara jew tal-musrana l-kbira
- Ċelluli anormali fiċ-ċerviċi tiegħek
- Tbajja' kannella jew irqajja' fil-wiċċ
- Ġebli fil-marrara jew imblukkar tal-passaġġ biljari
- Sfurija tal-ġilda u fl-abjad tal-għajnejn
- Livelli anormali taz-zokkor jew insulina fid-demem
- Reazzjoni allerġika severa li tista' tinkludi nefħa fil-wiċċ, fix-xofftejn, fil-ħalq, fl-ilsien jew fil-gerżuma li tista' tikkawża diffikultà biex tibra' jew biex tieħu n-nifs
- Raxx fil-ġilda b'noduli ħomor u teneri fil-qasba tas-sieq u fir-riġlejn
- Ġilda li tħokk
- Ġilda bil-qoxra, msaffaf, li tħokk u ħamra

- Treddigħ mrażżan
- Tnixxija vaġinali
- Żamma ta' fluwidu fir-riġlejn
- Żamma ta' fluwidu
- Nefħa fid-dirġajn, idejn, riġlejn jew saqajn.

Jekk għandek l-istonku mdardar

- L-ammont ta' ormoni f'EVRA m'għandhomx jaffettwawk billi tħossok ma tiflaħx (tirremetti) jew dijarrea.
- M'għandekx bżonn tuża kontraċettiv addizzjonali jekk għandek l-istonku mdardar.

Jista' jkollok tbajja' jew fsada ħafifa jew sensitività fis-sider jew tħossok ma tiflaħx waqt l-ewwel 3 ċikli. Il-problema normalment tgħib waħidha iżda jekk ma tagħmilx dan, kellek lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Rappurtar tal-effetti sekondarji

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellek lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarji possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali mniżżla f'[Appendiċi V](#). Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

5. Kif taħżen EVRA

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta' meta tiskadi li tidher fuq it-tikketta wara "JIS". Id-data ta' meta tiskadi tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Aħżen fil-pakkett oriġinali sabiex tilqa' mid-dawl u mill-umdità.

Tagħmlux fil-friġġ jew friża.

Il-gareż użati jkun għad fadlilhom xi ormoni attivi. Sabiex tippoteġi l-ambjent, il-gareż għandhom jintremew b'attenzjoni. Sabiex tarmi l-garża użata, inti għandek:

- Tqaxxar it-tikketta tar-rimi minn mal-parti ta' barra tal-qartas.
- Poġġi l-garża użata fit-tikketta tar-rimi miftuħa b'tali mod li l-wieċ li jwaħħal jgħatti l-parti oskura.
- Agħlaq it-tikketta filwaqt li tissiġilla l-garża użata fuq ġewwa imbagħad armi 'l bogħod minn fejn jintlaħaq mit-tfal.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'intix ħa tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.>

6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

X'fiha EVRA

Is-sustanzi attivi huma norelgestromin u ethinylestradiol. Kull garża li tipprovi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda ta' 20 cm² fiha 6 mg norelgestromin u 600 micrograms ethinylestradiol. Is-sustanzi attivi jintreħew fuq perjodu ta' 7 ijiem b'medja ta' 203 mikrogramma norelgestromin u 34 mikrogramma ethinylestradiol jintreħew kull 24 siegħa.

Is-sustanzi mhux attivi l-oħra huma: saff ta' rinforz: saff ta' barra tal-polyethylene pigmentat ta' densità baxxa, polyester fil-parti interna; Saff tan-nofs: adeżiv polyisobutylene/polybutene,

crospovidone, materjal polyester mhux minsuġ, lauryl lactate; it-tielet saff: rita ta' polyethylene tetrathalate (PET), kisja ta' polydimethylsiloxane.

Kif jidher EVRA u l-kontenut tal-pakkett

EVRA hija garża irqiqa, kafellatte tal-plastik stampata "EVRA" li ttiprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda. In-naħa li teħel titwaħħal fuq il-ġilda wara li jitneħħa s-saff tal-plastik trasparenti protettiv.

EVRA hija disponibbli f'pakketti tad-daqsijiet li ġejjin: Kaxex tal-kartun li fihom 3, 9, jew 18-il garża fi qratas individwali infurrati bil-fojl, imgeżwrin tlieta, tlieta f'rita tal-plastik trasparenti imtaqqba.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u l-Manifattur

Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq:

Gedeon Richter Plc.

Gyömrői út 19-21.

1103 Budapest

L-Ungerija

Manifattur:

Gedeon Richter Plc.

Gyömrői út 19-21.

1103 Budapest

L-Ungerija

Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f'

Sorsi oħra ta' informazzjoni

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu>.

Dan il-fuljett huwa disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE/ŻEE fis-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini.